Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/2053(INI)

15.7.2025

EMENDI
351 - 715

Abbozz ta' rapport
Carlo Fidanza
(PE774.483v01-00)

Kif nassiguraw futur sostenibbli għas-settur tal-bhejjem tal-UE fid-dawl tal-ħtieġa li niżguraw is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tal-bdiewa u nirrispondu għall-isfidi li jġib il-mard tal-annimali
(2025/2053(INI))

Emenda 351
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; ***jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet ambjentali addizzjonali, u li jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni***;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; ***jitlob, f'dan ir-rigward, li jintemmu l-ftehimiet kummerċjali internazzjonali li għandhom impatt negattiv fuq l-agrikoltura Ewropea, jew li dawn jerġgħu jinfetħu sabiex tiġi ggarantita r-reċiproċità***;

Or. fr

Emenda 352
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; ***jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet ambjentali addizzjonali, u li jiġu adattati l-interventi***	15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; ***jissottolinja li huwa essenzjali li l-UE tqis il-konformità ta' pajjiżi terzi mal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż mal-istandards rilevanti tat-trattament xieraq tal-annimali***;

tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;

Or. en

Emenda 353
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet ambjentali addizzjonali, u li jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati***; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġiji speċifiċi biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi u konsistenza akbar bejn il-politiki kummerċjali u ta' sostenibbiltà tagħha***; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet ambjentali addizzjonali, u li jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;

Or. en

Emenda 354
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti ***mingħajr kundizzjonalitajiet*** ambjentali ***addizzjonali***, ***u li*** jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti ***bir-ragħa, filwaqt li jiġi żgurat li r-rekwiżiti*** ambjentali ***jkunu mmirati***, ***proporzjonati u fattibbli u jikkumpensaw lill-produtturi għall-piż reali tagħhom, u*** jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;

Or. de

Emenda 355
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, ***jiġi żgurat*** appoġġ akkoppjat ***għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet*** ambjentali ***addizzjonali, u li*** jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE ***fir-rigward tas-sikurezza, u aspetti ambjentali, soċjali u ta' trattament xieraq*** għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, ***fejn kwalunkwe*** appoġġ akkoppjat ***ikun ikkundizzjonat minn kriterji stretti*** ambjentali ***u ta' trattament xieraq tal-annimali, tingħata preferenza lil sistemi bbażati fuq il-mergħat b'użu ta' input baxx li jżommu l-valur miżjud fit-***

territorji, u jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;

Or. en

Emenda 356
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa ***li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u*** li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti ***mingħajr kundizzjonalitajiet*** ambjentali ***addizzjonali***, ***u li*** jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti ***bir-ragħa, filwaqt li jiġi żgurat li r-rekwiżiti*** ambjentali ***jkunu mmirati***, ***proporzjonati u fattibbli u l-produtturi jiġu kkumpensati għall-piż reali tagħhom, u*** jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;

Or. de

Emenda 357
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata	15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata

protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet ambjentali addizzjonali, u li jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;	protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati ***kollha***; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet ambjentali addizzjonali, u li jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;

Or. en

Emenda 358
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK ***jinżamm f'termini reali*** billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet ambjentali addizzjonali, u ***li*** jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li titwaqqaf u titreġġa' lura x-xejra ta' dekapitalizzazzjoni, u li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suq tal-UE u reċiproċità sħiħa tal-istandards tal-UE għall-prodotti importati; jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK ***jiġi ffissat f'livell xieraq, inkluż*** billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet ambjentali addizzjonali, u jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni;

Or. pl

Emenda 359
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín, Csaba Dömötör

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. jisħaq fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm f'termini reali billi titqies l-inflazzjoni, jiġi żgurat appoġġ akkoppjat għall-produzzjoni tal-bhejjem ruminanti mingħajr kundizzjonalitajiet ambjentali addizzjonali, u li jiġu adattati l-interventi tas-suq billi jiġu aġġornati l-prezzijiet ta' referenza għall-klawżoli ta' salvagwardja, filwaqt li jitqiesu l-valuri l-ġodda tas-suq u l-għodod ta' ġestjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-PAK iżżomm l-istatus legali u istituzzjonali tagħha tul il-perjodu baġitarju li ġej u jinsisti fuq l-importanza li l-baġit tal-PAK jinżamm bħala baġit awtonomu, distint u speċifiku, imfassal għall-ħtiġijiet partikolari tas-settur agrikolu Ewropew; jirrifjuta bil-qawwa kwalunkwe proposta biex il-baġit tal-PAK jiġi inkluż f'fond uniku;

Or. fr

Emenda 360
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jitlob appoġġ għall-intrapriżi kooperattivi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jespandu, jiżviluppaw u jinvestu fil-kummerċjalizzazzjoni, fiż-żieda tal-valur għall-prodotti tas-sħab kummerċjali tagħhom u fit-tnaqqis tal-kostijiet tagħhom, biex b'hekk tingħata spinta lis-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali taż-żoni rurali u tiġi promossa l-inklużjoni taż-żgħażagħ u tan-nisa f'dan is-settur;

Or. es

Emenda 361
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jinnota li l-Istati Membri jiffaċċjaw riskji dejjem akbar u varjati; jisħaq, f'dan ir-rigward, li żieda u riforma xierqa tar-riżerva komuni għal kriżijiet fis-settur tal-agrikoltura, flimkien mal-ħolqien ta' strumenti finanzjarji speċifiċi ġodda, b'riżorsi minn barra l-PAK, huma essenzjali biex il-bdiewa jiġu appoġġjati f'kuntest ikkaratterizzat minn kundizzjonijiet tas-suq imprevedibbli, l-isfidi tat-tibdil fil-klima, il-mard, it-tibdil fl-imġiba tal-konsumatur u t-tensjonijiet ġeopolitiċi;

Or. fr

Emenda 362
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu promossi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta' prattiki bbażati fuq l-evidenza li jtejbu s-sostenibbiltà tal-bhejjem fid-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi, filwaqt li jiġu promossi standards għoljin tat-trattament xieraq tal-annimali u jitrawmu ktajjen tal-provvista tal-bhejjem integrati u reżiljenti, inklużi mekkaniżmi ta' pprezzar ġust għall-bdiewa;	16. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu promossi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta' prattiki bbażati fuq l-evidenza li jtejbu s-sostenibbiltà tal-bhejjem fid-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi, ***inkluż permezz ta' investimenti mmirati fir-riċerka ġenetika, l-effiċjenza nutrizzjonali u s-selezzjoni għal karatteristiki ta' produzzjoni dejjiema,*** filwaqt li jiġu promossi standards għoljin tat-trattament xieraq tal-annimali u

	jitrawmu ktajjen tal-provvista tal-bhejjem integrati u reżiljenti, inklużi mekkaniżmi ta’ pprezzar ġust għall-bdiewa;

Or. ro

Emenda 363
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu promossi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta’ prattiki bbażati fuq l-evidenza li jtejbu s-sostenibbiltà tal-bhejjem fid-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi, filwaqt li jiġu promossi standards għoljin tat-trattament xieraq tal-annimali u jitrawmu ktajjen tal-provvista tal-bhejjem integrati u reżiljenti, inklużi mekkaniżmi ta’ pprezzar ġust ***għall-bdiewa***;	16. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu promossi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta’ prattiki bbażati fuq l-evidenza li jtejbu s-sostenibbiltà tal-bhejjem fid-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi, filwaqt li jiġu promossi standards għoljin tat-trattament xieraq tal-annimali u jitrawmu ktajjen tal-provvista tal-bhejjem integrati u reżiljenti, inklużi mekkaniżmi ta’ pprezzar ġust ***li jappoġġjaw lill-bdiewa, u jissaħħu t-taħriġ tal-bdiewa u l-iskambju tal-għarfien biex tiġi żgurata adozzjoni mifruxa ta' prattiki sostenibbli.*** ;

Or. en

Emenda 364
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu promossi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta’ prattiki bbażati fuq l-evidenza li jtejbu s-sostenibbiltà tal-bhejjem fid-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi, filwaqt li jiġu promossi	16. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu promossi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta’ prattiki bbażati fuq l-evidenza li jtejbu s-sostenibbiltà tal-bhejjem fid-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi, filwaqt li jiġu promossi

standards għoljin tat-trattament xieraq tal-annimali u jitrawmu ktajjen tal-provvista tal-bhejjem integrati u reżiljenti, inklużi mekkaniżmi ta' pprezzar ġust għall-bdiewa;	standards għoljin tat-trattament xieraq tal-annimali u jitrawmu ktajjen tal-provvista tal-bhejjem integrati u reżiljenti, inklużi mekkaniżmi ta' pprezzar ġust għall-bdiewa; ***jenfasizza li l-bdiewa li jrabbu l-bhejjem għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-fluss ta' dħul addizzjonali tal-kultivazzjoni karbonika;***

Or. en

Emenda 365
Elsi Katainen, Asger Christensen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrieżamina r-regolamenti dwar l-ipproċessar tal-laħam, bħat-teknoloġija użata għall-ispezzjoni tal-laħam, kif ukoll l-armonizzazzjoni tal-linji gwida minimi dwar l-evalwazzjoni tal-kontenut tal-laħam, li bħalissa jillimitaw l-użu massimu tal-karkassa tal-annimali. Dawn il-bidliet jistgħu jżidu t-trasparenza tal-katina tal-provvista kif ukoll jiżguraw introjtu ogħla għall-bdiewa.

Or. en

Emenda 366
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***tinkiseb l-effiċjenza***, inkluż, pereżempju, it-trobbija	17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***jinkiseb titjib fl-effiċjenza***, inkluż, pereżempju, it-trobbija

intensiva tal-bhejjem ***u t-tnissil tal-annimali bi*** preċiżjoni***, u jagħmlu użu minn*** teknoloġiji diġitali ġodda li ***jistgħu*** jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data***, it-trasparenza tul il-katina alimentari***, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza ***fis-settur***;

tal-bhejjem ***ta'*** preċiżjoni ***u t-titjib ġenetiku, kif ukoll l-użu ta'*** teknoloġiji diġitali ġodda li jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri ***konkreti*** li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza ***tas-settur***; ***jirrimarka, f'dan ir-rigward, li 47,5 % biss tan-nies li jgħixu f'żoni rurali tal-Unjoni Ewropea għandhom kompetenzi diġitali bażiċi, li jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-potenzjal għall-innovazzjoni u għall-modernizzazzjoni; huwa favur, għalhekk, l-organizzazzjoni ta' taħriġ diġitali koordinat u l-forniment ta' servizzi ta' konsulenza teknika u diġitali għall-bdiewa bħala fattur essenzjali biex tiġi garantita tranżizzjoni teknoloġika inklużiva u effettiva;***

Or. pt

Emenda 367
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***tinkiseb l-effiċjenza***, inkluż, pereżempju, it-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem u t-tnissil tal-annimali ***bi preċiżjoni***, u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-	17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***jinkiseb titjib fl-effiċjenza***, inkluż, pereżempju, it-trobbija tal-bhejjem ***ta' preċiżjoni*** u t-tnissil tal-annimali, u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; ***jirrimarka li selezzjoni ġenetika mmirata tista' tipprovdi soluzzjoni għal xi wħud mill-isfidi tal-lum;*** jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-

innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur;	bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur; ***jipproponi li tiġi stabbilita bażi tad-data komuni tar-razez ta' bażi li tippermetti lil dawk li jrabbu l-bhejjem li jixtiequ jkomplu jnisslu ċerti speċijiet qodma;***

Or. fr

Emenda 368
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem ***jistgħu, b'mod partikolari,*** jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***tinkiseb l-effiċjenza***, inkluż, pereżempju, it-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem ***u t-tnissil*** tal-annimali ***bi preċiżjoni***, ***u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni*** tal-annimali ***u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà***; ***jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur;***	17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***jinkiseb titjib fl-effiċjenza***, inkluż, pereżempju, it-trobbija tal-bhejjem ***ta' preċiżjoni u t-trobbija*** tal-annimali, ***li jiddeterjoraw it-trattament xieraq*** tal-annimali[29a];

29a

https://www.cambridge.org/core/journals/european-journal-of-risk-regulation/article/protection-of-selectively-bred-and-gene-edited-farm-animals-under-eu-law/44FC1631746 6A65A655C352A0226544D

Or. en

Emenda 369

David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***tinkiseb l-effiċjenza***, inkluż, pereżempju, it-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem u t-tnissil tal-annimali ***bi preċiżjoni***, u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur;	17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***jinkiseb titjib fl-effiċjenza***, inkluż, pereżempju, it-trobbija tal-bhejjem ***ta' preċiżjoni*** u t-tnissil tal-annimali, u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li t-trasformazzjoni diġitali u l-ġbir tad-data tal-azjendi agrikoli jkunu ta' benefiċċju għall-bdiewa, u jimmaniġġjaw ir-riskji ta' dipendenza u dejn eċċessiv;***

Or. en

Emenda 370
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem jistgħu***, b'mod partikolari,*** jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***tinkiseb l-effiċjenza, inkluż, pereżempju, it-trobbija intensiva tal-bhejjem u t-tnissil tal-annimali bi preċiżjoni, u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni*** tal-annimali u tas-sistemi,	17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem jistgħu jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex ***itejbu t-trattament xieraq*** tal-annimali u ***l-ġestjoni*** tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi

l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur;	miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur;

Or. en

Emenda 371
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu ***jintużaw biex tinkiseb*** l-effiċjenza, inkluż, pereżempju, ***it-trobbija intensiva*** tal-bhejjem u t-tnissil tal-annimali ***bi preċiżjoni***, u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur;	17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu ***jtejbu t-trattament xieraq tal-annimali u*** l-effiċjenza, inkluż, pereżempju, ***sistemi b'kostijiet baxxi, sistemi bidirezzjonali u t-trobbija*** tal-bhejjem ***ta' preċiżjoni*** u t-tnissil tal-annimali, u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi***, it-trattament xieraq tal-annimali***, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u ***t-trattament xieraq tal-annimali u*** tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur;

Or. de

Emenda 372
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija intensiva tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex tinkiseb l-effiċjenza, inkluż, pereżempju, it-trobbija intensiva tal-bhejjem u t-tnissil tal-annimali bi preċiżjoni, u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni u r-reżiljenza fis-settur;	17. Jinnota li s-sistemi tat-trobbija intensiva tal-bhejjem jistgħu, b'mod partikolari, jieħdu vantaġġ minn prattiki u teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex tinkiseb l-effiċjenza, inkluż, pereżempju, it-trobbija intensiva tal-bhejjem u t-tnissil tal-annimali bi preċiżjoni, u jagħmlu użu minn teknoloġiji diġitali ġodda li jistgħu jtejbu l-ġestjoni tal-annimali u tas-sistemi, l-ipproċessar tad-data, it-trasparenza tul il-katina alimentari, u t-traċċabbiltà; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-aħjar prattiki fis-sostenibbiltà tal-bhejjem u tipproponi miżuri li jappoġġjaw l-innovazzjoni***, l-effiċjenza*** u r-reżiljenza fis-settur;

Or. en

Emenda 373
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza li r-Rapport Speċjali 16/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jindika li l-emissjonijiet tal-annimali mrobbija jirrappreżentaw madwar nofs l-emissjonijiet mill-agrikoltura, u li dawn ikunu aktar baxxi b'mod sinifikanti jekk il-PAK tinċentiva tnaqqis fid-densitajiet tal-annimali u jekk il-programmi promozzjonali jkunu koerenti mal-għanijiet ambjentali tagħna.

Or. en

Emenda 374
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jissottolinja li l-insegwiment ta' titjib fil-produttività jew fit-tnissil tal-annimali ma jridx iseħħ għad-detriment tat-trattament xieraq tal-annimali, li l-prinċipju ta' prekawzjoni jrid jiġi osservat u li jridu jitqiesu l-aspetti tat-trattament xieraq tal-annimali;

Or. de

Emenda 375
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja***, l-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u ġodda*** u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel; ***jirrimarka li għalhekk huwa meħtieġ li jiġu mħeġġa jistabbilixxu ruħhom fin-negozju permezz ta' għodod finanzjarji b'saħħithom u ddedikati, sabiex jiġġieldu b'mod responsabbli kontra d-dejn eċċessiv tagħhom;***

Or. fr

Emenda 376
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel ***billi jsaħħu wkoll is-setgħa ta' negozjar tagħhom fil-konfront tal-atturi industrijali u tal-bejgħ bl-imnut, inkluż permezz ta' appoġġ għal strutturi kollettivi bħal kooperattivi u organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkunu proprjetà tal-bdiewa u mmexxija minnhom***;

Or. en

Emenda 377
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja ***u*** lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja***, lill-bdiewa żgħażagħ, lill-bdiewa organiċi u lill-bdiewa li jadottaw il-biedja organika kmieni, b'mod partikolari fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll*** lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem***, inklużi l-azjendi agrikoli għall-konservazzjoni tal-pajsaġġi,*** bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel ***reġjonali***;

Or. de

Emenda 378
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jinkoraġġixxi*** l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala ***mezz*** ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. ***Iħeġġeġ bil-qawwa*** l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala ***sors vitali*** ta' għajxien***, koeżjoni soċjali,*** u sigurtà tal-ikel***, filwaqt li jrawmu t-tiġdid ġenerazzjonali biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-vitalità fit-tul taż-żoni rurali***;

Or. en

Emenda 379
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw ***u jiffaċilitaw*** lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem ***u l-produzzjoni tal-bhejjem fuq skala żgħira għall-użu personali*** bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 380
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi ***l-iżvilupp*** ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni	18. Jinkoraġġixxi ***t-titjib u s-simplifikazzjoni*** ta' politiki li jappoġġjaw ***u jabilitaw*** lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma

sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	***u t-titjib*** tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 381
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja ***kif ukoll lil bdiewa żgħażagħ, bdiewa ġodda*** u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 382
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja***,*** u lill-komunitajiet rurali***, speċjalment fiż-żoni muntanjużi,*** fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;

Or. ro

Emenda 383
Cristina Maestre, Dario Nardella, Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw ***lill-bdiewa b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw ***lill-azjendi agrikoli*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali fiż-żamma ***u t-titjib*** tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 384
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali ***fiż-żamma tal-produzzjoni*** sostenibbli ***tal-bhejjem*** bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali ***fl-implimentazzjoni ta' prattiki tal-biedja li jkunu aktar*** sostenibbli bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 385
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjenda agrikola*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali ***fiż-żamma tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem*** bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;	18. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' politiki li jappoġġjaw lill-bdiewa ***b'azjendi agrikoli*** tal-familja u lill-komunitajiet rurali ***fit-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni ta' ikel ibbażat fuq il-pjanti*** bħala mezz ta' għajxien u sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 386
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni għall-UE kollha biex tiddiversifika s-sorsi ta' proteini għall-ikel u għall-għalf, billi ssegwi l-eżempju pożittiv reċenti tad-Danimarka, fejn diversi partijiet ikkonċernati u fazzjonijiet politiċi jaħdmu b'mod kollaborattiv biex is-sistema alimentari tal-pajjiż issir aktar sostenibbli, indipendenti u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Or. en

Emenda 387
Esther Herranz García

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jitlob li s-simplifikazzjoni regolatorja tiġi indirizzata f'termini konkreti għall-bdiewa li jrabbu l-bhejjem u li r-regolamenti l-ġodda kollha jqisu l-impatt kumulattiv fuq il-kompetittività tal-bdiewa;

Or. es

Emenda 388
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-ħtieġa għall-kooperazzjoni globali u trasferiment tal-għarfien fl-appoġġ ta' sistemi tal-bhejjem sostenibbli, b'mod partikolari ***f'reġjuni li qed jiffaċċjaw*** tkabbir rapidu tal-popolazzjoni u urbanizzazzjoni;	19. Jenfasizza l-ħtieġa għall-kooperazzjoni globali u trasferiment tal-għarfien ***innovattiv*** fl-appoġġ ta' sistemi tal-bhejjem sostenibbli, b'mod partikolari ***minn reġjuni Ewropej b'sistemi tat-trobbija tal-bhejjem effiċjenti ħafna, influwenzati minn*** tkabbir rapidu tal-popolazzjoni u urbanizzazzjoni;

Or. en

Emenda 389
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-ħtieġa għall-kooperazzjoni globali u trasferiment tal-għarfien fl-appoġġ ta' sistemi tal-bhejjem sostenibbli***, b'mod partikolari f'reġjuni li qed jiffaċċjaw tkabbir rapidu tal-popolazzjoni u urbanizzazzjoni***;	19. Jenfasizza l-ħtieġa għall-kooperazzjoni globali u trasferiment tal-għarfien fl-appoġġ ta' sistemi tal-bhejjem sostenibbli;

Or. en

Emenda 390
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-ħtieġa għall-kooperazzjoni globali u trasferiment tal-għarfien fl-appoġġ ta' sistemi ***tal-bhejjem*** sostenibbli, b'mod partikolari f'reġjuni li	19. Jenfasizza l-ħtieġa għall-kooperazzjoni globali u trasferiment tal-għarfien fl-appoġġ ta' sistemi ***tal-produzzjoni*** sostenibbli ***ta' ikel ibbażat fuq***

qed jiffaċċjaw tkabbir rapidu tal-popolazzjoni u urbanizzazzjoni;	***il-pjanti***, b'mod partikolari f'reġjuni li qed jiffaċċjaw tkabbir rapidu tal-popolazzjoni u urbanizzazzjoni;

Or. en

Emenda 391
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Ifakkar f'dan ir-rigward li t-trasport tal-annimali jikkawża tbatija konsiderevoli lill-annimali; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tfassal pjan ta' azzjoni biex iżżid it-trasport tal-laħam, tal-karkassi u tal-materjal riproduttiv minflok tal-annimali ħajjin;

Or. de

Emenda 392
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-infrastruttura li jippermettu lill-bdiewa jimplimentaw prattiki ta' produzzjoni tal-bhejjem aktar sostenibbli, effiċjenti u favur it-trattament xieraq tal-annimali, inkluż taħriġ dwar għodod u teknoloġiji innovattivi għall-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni tal-mard ***epiżotiku***, bħal sistemi ta' monitoraġġ tas-saħħa għall-bhejjem;	20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-infrastruttura li jippermettu lill-bdiewa jimplimentaw prattiki ta' produzzjoni tal-bhejjem aktar sostenibbli, effiċjenti u favur it-trattament xieraq tal-annimali, inkluż taħriġ dwar għodod u teknoloġiji innovattivi għall-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni tal-mard ***epiżootiku***, bħal sistemi ta' monitoraġġ tas-saħħa għall-bhejjem; ***jenfasizza l-importanza ta' servizzi ta' konsulenza indipendenti f'dan ir-rigward, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu***

sħiħ mill-PAK sabiex jiffinanzjaw kif xieraq dawn is-servizzi;

Or. en

Emenda 393
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-infrastruttura li jippermettu lill-bdiewa jimplimentaw prattiki ta' produzzjoni ***tal-bhejjem*** aktar sostenibbli, effiċjenti u ***favur it-trattament xieraq tal-annimali, inkluż taħriġ dwar għodod u teknoloġiji innovattivi għall-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni tal-mard epiżotiku, bħal sistemi ta' monitoraġġ tas-saħħa għall-bhejjem***;	20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-infrastruttura li jippermettu lill-bdiewa jimplimentaw prattiki ta' produzzjoni ***bbażati fuq il-pjanti*** aktar sostenibbli, effiċjenti u ***tajbin għas-saħħa***;

Or. en

Emenda 394
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-infrastruttura li jippermettu lill-bdiewa jimplimentaw prattiki ta' produzzjoni tal-bhejjem aktar sostenibbli, effiċjenti u favur it-trattament xieraq tal-annimali, inkluż taħriġ dwar għodod u teknoloġiji innovattivi għall-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni tal-mard ***epiżotiku***, bħal sistemi ta' monitoraġġ tas-saħħa għall-bhejjem;	20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-infrastruttura li jippermettu lill-bdiewa jimplimentaw prattiki ta' produzzjoni tal-bhejjem aktar sostenibbli, effiċjenti u favur it-trattament xieraq tal-annimali ***u jissottolinja l-importanza tad-diġitalizzazzjoni, tar-riċerka applikata u tat-trasferiment tal-għarfien għall-bdiewa fuq skala żgħira***, inkluż taħriġ dwar għodod u teknoloġiji innovattivi għall-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni tal-mard ***epiżootiku***, bħal

	sistemi ta' monitoraġġ tas-saħħa għall-bhejjem;

Or. ro

Emenda 395
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-infrastruttura li jippermettu lill-bdiewa ***jimplimentaw prattiki ta' produzzjoni tal-bhejjem aktar sostenibbli, effiċjenti u favur it-trattament xieraq tal-annimali***, inkluż taħriġ dwar għodod u teknoloġiji innovattivi għall-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni tal-mard ***epiżotiku, bħal sistemi*** ta' monitoraġġ tas-saħħa għall-bhejjem;	20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***u lill-Kummissjoni Ewropea*** jinvestu fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-infrastruttura li jippermettu lill-bdiewa ***jwettqu xogħolhom b'anqas diffikultà***, inkluż ***permezz ta'*** taħriġ dwar għodod u teknoloġiji innovattivi għall-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni tal-mard ***epiżootiku, bħas-sistemi*** ta' monitoraġġ tas-saħħa għall-bhejjem;

Or. it

Emenda 396
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jappella għal regoli aktar sempliċi dwar it-trattament xieraq tal-annimali li jiffukaw fuq għajnuna għall-bdiewa permezz tal-edukazzjoni u l-appoġġ, aktar milli metodi punittivi.

Or. en

Emenda 397
Cristina Maestre, Dario Nardella, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha dwar l-iżvilupp ta' tikkettar b'rabta mat-trattament xieraq tal-annimali li jiggarantixxi informazzjoni adegwata u uniformi għall-konsumaturi, u b'hekk jiġu evitati r-riskji għas-suq intern iġġenerati mill-proliferazzjoni tal-iskemi lokali tat-trattament xieraq tal-annimali;

Or. en

Emenda 398
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi promossa l-innovazzjoni fil-qasam tat-trattamenti antimikrobiċi, inkluż l-iżvilupp ta' antibijotiċi ġodda u metodi alternattivi bħat-terapija batterjofaġika, fid-dawl tal-istaġnar fl-għażliet ta' trattament disponibbli għall-infezzjonijiet batteriċi fl-annimali;

Or. en

Emenda 399
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja li s-setturi tat-trobbija	21. Jissottolinja li s-setturi tat-trobbija

tal-bhejjem u tal-biedja mħallta huma benefiċjarji ewlenin tal-PAK taħt l-ewwel pilastru (pagamenti diretti, pagamenti akkoppjati għaċ-ċanga, il-vitella, in-nagħaġ u l-mogħoż) u t-tieni pilastru, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għall-investimenti, pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona u impenji agroambjentali klimatiċi; jisħaq fuq ir-rwol tal-PAK fit-tiswir tas-sistemi tat-trobbija intensiva tal-bhejjem;	tal-bhejjem u tal-biedja mħallta huma benefiċjarji ewlenin tal-PAK taħt l-ewwel pilastru (pagamenti diretti, pagamenti akkoppjati għaċ-ċanga, il-vitella, in-nagħaġ u l-mogħoż) u t-tieni pilastru, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għall-investimenti, pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona u impenji agroambjentali klimatiċi; jisħaq fuq ir-rwol tal-PAK fit-tiswir tas-sistemi tat-trobbija intensiva tal-bhejjem; ***Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-vijabbiltà ekonomika u li titnaqqas id-dipendenza tal-introjtu tal-bdiewa fuq pagamenti diretti u akkoppjati li jinċentivaw id-diversifikazzjoni, il-pagamenti bbażati fuq ir-riżultati, u l-promozzjoni ta' għodod għall-ġestjoni tar-riskju sabiex jiżdiedu l-kompetittività, il-profittabbiltà u r-reżiljenza fit-tul tagħhom;***

Or. en

Emenda 400
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jissottolinja li s-setturi tat-trobbija tal-bhejjem u tal-biedja mħallta huma benefiċjarji ewlenin tal-PAK taħt l-ewwel pilastru (pagamenti diretti, pagamenti akkoppjati għaċ-ċanga, il-vitella, in-nagħaġ u l-mogħoż) u t-tieni pilastru, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għall-investimenti, pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona u impenji agroambjentali klimatiċi; ***jisħaq fuq ir-rwol*** tal-PAK fit-tiswir tas-sistemi tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem;	21. Jissottolinja li s-setturi tat-trobbija tal-bhejjem u tal-biedja mħallta huma benefiċjarji ewlenin tal-PAK taħt l-ewwel pilastru (pagamenti diretti, pagamenti akkoppjati għaċ-ċanga, il-vitella, in-nagħaġ u l-mogħoż) u t-tieni pilastru, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għall-investimenti, pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona u impenji agroambjentali klimatiċi; ***jinsisti fuq il-ħtieġa li tinżamm is-sistema taż-żewġ pilastri fl-ambitu tal-PAK u jopponi bil-qawwa l-integrazzjoni tal-PAK fi pjanijiet uniċi għal kull Stat Membru bl-***

awtoritajiet nazzjonali responsabbli għat-twettiq tal-objettivi ta' politika; jenfasizza r-rwol tal-PAK fit-tiswir tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem ***u li l-appoġġ akkoppjat irid jinżamm fil-PAK ta' wara l-2027***;

Or. en

Emenda 401
27. Jenfasizza li l-emenda mmirata tad-Direttiva dwar il-Ħabitats[29]biex il-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi allinjata mal-livell ta' protezzjoni rivedut tal-lupu minn "strettament protett" għal "protett" fil-Konvenzjoni aġġornata ***dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa għandha l-għan li tipprovdi aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tal-lupu madwar l-UE***, ***sabiex tittejjeb il-koeżistenza u jiġi minimizzat l-impatt tal-popolazzjoni tal-lupu li qed tikber, inklużi l-isfidi soċjoekonomiċi relatati***;	27. Jenfasizza li l-emenda mmirata tad-Direttiva dwar il-Ħabitats[29] biex il-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi allinjata mal-livell ta' protezzjoni rivedut tal-lupu minn "strettament protett" għal "protett" fil-Konvenzjoni aġġornata ***ta' Bern ma teħlisx lill-Istati Membri mill-obbligu tagħhom li jiksbu u jżommu status ta' konservazzjoni favorevoli għall-popolazzjonijiet tal-lupu***, ***li jirrikjedi sforzi u riżorsi addizzjonali biex jiġu żviluppati, implimentati u armonizzati miżuri preventivi u tiġi promossa l-koeżistenza***;
[29] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ***tal-ħabitat*** naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p***. 7.***, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).	[29] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ***tal-ħabitats*** naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa***,*** (ĠU L 206, 22.7.1992, p ***7***, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

Or. de

Emenda 450
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jenfasizza li l-emenda mmirata tad-Direttiva dwar il-Ħabitats[29]biex il-	27. Jenfasizza li l-emenda mmirata tad-Direttiva dwar il-Ħabitats[29] biex il-

leġiżlazzjoni tal-UE tiġi allinjata mal-livell ta' protezzjoni rivedut tal-lupu minn "strettament protett" għal "protett" fil-Konvenzjoni aġġornata ***dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa*** għandha l-għan li tipprovdi aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tal-lupu madwar l-UE, sabiex ***tittejjeb il-koeżistenza u*** jiġi minimizzat l-impatt tal-popolazzjoni tal-lupu li qed tikber, inklużi l-isfidi soċjoekonomiċi relatati;

leġiżlazzjoni tal-UE tiġi allinjata mal-livell ta' protezzjoni rivedut tal-lupu minn "strettament protett" għal "protett" fil-Konvenzjoni aġġornata ***ta' Bern*** għandha l-għan li tipprovdi aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-popolazzjonijiet tal-lupu madwar l-UE, sabiex jiġi minimizzat l-impatt tal-popolazzjoni tal-lupu li qed tikber, inklużi l-isfidi soċjoekonomiċi relatati;

---

[29] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ***tal-ħabitat*** naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7**.**, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

[29] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ***tal-ħabitats*** naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa**,** (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

Or. en

Emenda 451
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***27a. Jisħaq li l-iżvilupp ta' network ta' biċċeriji kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew huwa essenzjali sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal lokali u reġjonali, iż-żoni rurali jingħataw ħajja ġdida, jinħolqu l-impjiegi, jiġu żviluppati ktajjen tal-provvista qosra u jittejjeb l-aċċess għal ikel frisk u affordabbli għall-konsumaturi, filwaqt li jkun hemm ukoll impatt pożittiv dirett fuq il-benesseri tal-annimali; jinnota li l-appoġġ għal dan in-network permezz ta' finanzjament adegwat u proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati jsaħħaħ l-ekonomiji lokali u reġjonali u jikkontribwixxi għal sistemi agroalimentari aktar reżiljenti u aktar sostenibbli, filwaqt li jagħti wkoll ħajja ġdida liż-żoni rurali u lis-settur tal-**

bhejjem; għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw u jipprovdu biżżejjed fondi Ewropej u nazzjonali lill-benefiċjarji sabiex jintlaħaq dan l-għan; barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-biċċeriji b'mod ġenerali, u b'mod partikolari l-biċċeriji mobbli, hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-azjendi agrikoli jkunu vijabbli u jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza tal-UE fir-rigward tal-proteini;

Or. ro

Emenda 452
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus immirat bl-għan li jitnaqqas il-piż leġiżlattiv u jittejbu l-flessibbiltà u l-mekkaniżmi tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE speċifikament għas-settur tal-bhejjem, sabiex jiġi appoġġjat it-tiġdid ġenerazzjonali, tiġi żgurata kapaċità ta' investiment kontinwa għat-tranżizzjoni ekoloġika, u tiġi ssalvagwardjata l-vijabbiltà fit-tul tal-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem fl-UE kollha; jisħaq li f'diversi reġjuni, l-impatt kumulattiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE wassal għal proċeduri kumplessi u twal għall-għoti ta' permessi, inċertezza legali, u pożijiet amministrattivi u finanzjarji sproporzjonati għall-bdiewa, li jdewmu l-investimenti fis-sostenibbiltà u fl-innovazzjoni; ifakkar li tali ostakli jirriskjaw li jaċċelleraw it-tnaqqis tal-biedja mill-familji u tal-produzzjoni tal-bhejjem f'reġjuni bi trade-offs għoljin, u

jridu jiġu indirizzati b'mod urġenti f'konformità mal-prinċipji dwar il-proċeduri għall-għoti ta' permessi stabbiliti fil-Patt dwar l-Industrija Nadifa, l-Att dwar l-Enerġija Affordabbli u l-Omnibus dwar id-Difiża.

Or. en

Emenda 453
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jinnota bi tħassib kbir li l-aktar studju reċenti dwar id-DNA, iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, ikkonkluda li r-Rumanija tospita bil-bosta l-akbar popolazzjoni ta' orsijiet kannella fl-Ewropa barra mir-Russja, fejn, fir-Rumanija[1a], jgħixu bejn 10 419 u 12 770 individwu ta' ors kannella, li jirrappreżentaw kważi l-popolazzjoni kollha tal-lupu fil-livell tal-UE; ifakkar li dan kellu impatt mhux biss fuq il-vijabbiltà tat-trobbija tal-bhejjem, il-benesseri u l-introjtu tal-bdiewa, it-turiżmu rurali u t-tiġdid ġenerazzjonali speċjalment fiż-żoni muntanjużi, iżda rriżulta wkoll f'miljuni ta' euro minfuqa fuq kumpens, eluf ta' sejħiet Emerġenti biex jiġu ssinjalati eventi fejn wieħed ikun ra jew inzerta ltaqa' ma' ors, mijiet ta' vittmi u għexieren ta' mwiet;
	1a https://mmediu.ro/en/comunicare/comunicate-de-presa/ref-rezultate-preliminare-privind-populatia-de-urs-brun-din-romania/

Or. en

Emenda 454
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jinnota d-dipendenza għolja tal-UE fuq il-proteina tal-pjanti importata, li l-maġġoranza l-kbira tagħha hija dejjinjata għall-għalf tal-annimali, filwaqt li żewġ terzi tal-produzzjoni taċ-ċereali tal-UE diġà qed tintuża bħala għalf[1a]; iqis li din hija dgħufija strateġika fi żmien ta' tibdil fil-klima, nuqqas ta' sigurtà globali tal-ikel, gwerra u tariffi kummerċjali li qed jiżdiedu; itenni t-talba tiegħu għal strateġija tal-UE dwar il-proteini li tħares b'mod kritiku lejn id-dipendenza fuq l-inputs importati, b'mod partikolari fis-settur tal-bhejjem, u li tqis strateġiji għar-ragħa u approċċi għall-mergħat li jinkludu l-pjanti leguminużi;
	[1a] Il-Kummissjoni Ewropea, https://agriculture.ec.europa.eu/farming/crop-productions-and-plant-based-products/cereals_mt

Or. en

Emenda 455
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jenfasizza l-fatt li l-enfasi għandha tkun fuq il-promozzjoni tal-koeżistenza ma' predaturi kbar, billi jiġu implimentati u appoġġjati b'mod adegwat il-konservazzjoni u l-irkupru tal-bijodiversità, miżuri preventivi u prattiki

aħjar tat-trobbija tal-annimali fil-protezzjoni tal-annimali tal-irziezet, minflok prattiki ta' ġestjoni letali, permezz tal-qtil u l-kaċċa, li ma wrew l-ebda effiċjenza fil-mitigazzjoni tat-telf u wrew li huma kontroproduttivi mill-perspettiva tal-ġestjoni tal-ħsara u tal-konservazzjoni;

Or. en

Emenda 456
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' inventarju tal-finanzjament Ewropew imħallas lill-assoċjazzjonijiet tal-benesseri tal-annimali jew lill-NGOs biex jiġi żgurat li dawn il-fondi jintużaw b'mod korrett u li ma jintużawx mill-NGOs li jaġixxu kontra l-interessi tal-bdiewa li jrabbu l-bhejjem jew bħala ħlas għal laboratorji jew prodotti kompetituri;

Or. fr

Emenda 457
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jenfasizza l-ħtieġa ta' skrinjar u reviżjoni komprensivi tal-acquis tal-UE biex jiġu identifikati u emendati dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jfixklu t-tiġdid ġenerazzjonali u l-investimenti ta' sostenibbiltà fil-produzzjoni tal-bhejjem; jisħaq b'mod partikolari fuq il-ħtieġa li

jiġu indirizzati ostakli speċifiċi fid-Direttiva dwar il-Ħabitats, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u r-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, fejn rekwiżiti sproporzjonati jew riġidi jistgħu jostakolaw prattiki tal-biedja vijabbli u jiskoraġġixxu l-investimenti fit-tul f'sistemi ta' trobbija tal-bhejjem li ma jagħmlux ħsara lill-klima.

Or. en

Emenda 458
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jinnota l-benefiċċji multipli tal-għelejjel leguminużi, speċjalment jekk jitkabbru bit-tnewwib, għas-saħħa tal-ħamrija, għat-trażżin tal-pesti u għall-fissazzjoni tan-nitroġenu; jistieden lill-Istati Membri jinkludu u jiffavorixxu aħjar l-għelejjel leguminużi mnewba fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tagħhom, li jista' jsir fl-ambitu ta' pagamenti akkoppjati, ekoskemi, u miżuri agroambjentali u klimatiċi, kif ukoll fl-ambitu tal-iskemi tal-frott u tal-ħxejjex, sabiex tingħata spinta lis-swieq tal-UE u lill-ktajjen tal-provvista (lokali, reġjonali, nazzjonali) kemm tal-għalf tal-annimali kif ukoll tal-ikel tal-bniedem;

Or. en

Emenda 459
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Iwissi li l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) għadu mhux mobilizzat biżżejjed biex jindirizza l-konsegwenzi tal-attakki fuq il-bhejjem mill-ilpup u minn predaturi oħra; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu akbar minn dan il-fond biex ikun jista' jintuża f'każ ta' predazzjoni ripetuta tal-annimali; iqis li tali adattament isaħħaħ l-appoġġ ta' emerġenza għall-bdiewa li jrabbu l-bhejjem u r-reżiljenza tas-setturi vulnerabbli;

Or. fr

Emenda 460
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27b. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni taġġorna l-istatus ta' protezzjoni tal-ors kannella fil-qafas Ewropew, biex tikkontrolla l-popolazzjoni eċċessiva ta' dawn il-karnivori kbar u tagħti prijorità lill-ħajjiet umani;

Or. en

Emenda 461
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***27c. Jinsisti b'mod ġenerali fuq il-ħtieġa ta' għalf tajjeb ta' kwalità mkabbar**

lokalment jew reġjonalment li jissodisfa l-ħtiġijiet djetetiċi tal-annimali u li jkun ħieles mill-kontaminanti; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli fuq il-kwalità tal-għalf;

Or. en

Emenda 462
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, b'mod partikolari s-sistemi bbażati fuq il-bwar, fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, fit-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u fil-provvista ta' servizzi klimatiċi u ambjentali permezz tas-sekwestru tal-karbonju, it-titjib tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità u ***l-manutenzjoni*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa;	28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, b'mod partikolari s-sistemi bbażati fuq il-bwar, fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, fit-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u fil-provvista ta' servizzi klimatiċi u ambjentali permezz tas-sekwestru tal-karbonju, it-titjib tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità u ***ż-żamma*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa; ***jenfasizza li l-ispeċijiet monogastriċi jiġġeneraw emissjonijiet aktar baxxi ta' gassijiet serra minħabba r-rata effiċjenti tagħhom ta' konverżjoni tal-għalf, u jistgħu jkomplu jtejbu ċ-ċirkolarità billi jiġu inkorporati prodotti tal-fluss tal-iskart fl-għalf tagħhom, filwaqt li d-demel tagħhom jipprovdi sors siewi ta' fertilizzant naturali għall-produzzjoni tal-għelejjel;***

Or. en

Emenda 463
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, b'mod partikolari s-sistemi bbażati fuq il-bwar, fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, fit-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u fil-provvista ta' servizzi klimatiċi u ambjentali permezz tas-sekwestru tal-karbonju, it-titjib tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità u ***l-manutenzjoni*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa;	28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, b'mod partikolari s-sistemi bbażati fuq il-bwar, fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, fit-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u fil-provvista ta' servizzi klimatiċi u ambjentali permezz tas-sekwestru tal-karbonju, it-titjib tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità u ***ż-żamma*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa; ***jinnota, madankollu, li s-sistemi intensivi tat-trobbija tal-bhejjem jistgħu jikkompromettu dawn il-benefiċċji ambjentali billi jikkontribwixxu għat-tniġġis ambjentali, it-telf tal-bijodiversità u l-uniformizzazzjoni tal-pajsaġġ;***
	Or. de

Emenda 464
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem, b'mod partikolari s-sistemi bbażati fuq il-bwar, fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, fit-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u fil-provvista ta' servizzi klimatiċi u ambjentali permezz tas-sekwestru tal-karbonju, it-titjib tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità u ***l-manutenzjoni*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa;	28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tat-trobbija tal-bhejjem, b'mod partikolari s-sistemi bbażati fuq il-bwar, fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, fit-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u fil-provvista ta' servizzi klimatiċi u ambjentali permezz tas-sekwestru tal-karbonju, it-titjib tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità u ***ż-żamma*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa***, filwaqt li jissottolinja li t-tnaqqis drastiku tal-merħliet jista' jikkomprometti dawn il-funzjonijiet tal-ekosistema fin-nuqqas ta' miżuri ta' kumpens fir-rigward tal-kwalità u l-effiċjenza ġenetika tal-annimali miżmuma fil-produzzjoni***;
	Or. ro

Emenda 465

David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali ***tat-trobbija intensiva*** tal-bhejjem***, b'mod partikolari s-sistemi bbażati fuq il-bwar,*** fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, ***fit-tisħiħ*** tas-servizzi tal-ekosistema u ***fil-provvista*** ta' servizzi klimatiċi u ambjentali permezz tas-sekwestru tal-karbonju***, it-titjib*** tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità ***u l-manutenzjoni*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa;	28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali ***ta' sistemi estensivi*** tal-bhejjem ***ibbażati fuq il-mergħat*** fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, ***it-tisħiħ*** tas-servizzi tal-ekosistema u ***l-forniment*** ta' servizzi klimatiċi u ambjentali***, sa ċerta kapaċità ta' portata,*** permezz tas-sekwestru tal-karbonju ***fil-ħamrija, ir-regolamentazzjoni tal-flussi tal-ilma u t-titjib*** tal-kwalità tal-ilma***, il-provvista ta' ħabitats għal fawna u flora speċifiċi***, il-protezzjoni tal-bijodiversità***, u ż-żamma*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa***, b'mod partikolari f'żoni muntanjużi***;

Or. en

Emenda 466
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem, b'mod partikolari s-sistemi bbażati fuq il-bwar, fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, fit-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u fil-provvista ta' servizzi klimatiċi u ambjentali permezz tas-sekwestru tal-karbonju, it-titjib tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità u ***l-manutenzjoni*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa;	28. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tat-trobbija ***estensiva*** tal-bhejjem, b'mod partikolari s-sistemi bbażati fuq il-bwar, fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, fit-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u fil-provvista ta' servizzi klimatiċi u ambjentali permezz tas-sekwestru tal-karbonju, it-titjib tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità u ***ż-żamma*** ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa;

Or. en

Emenda 467
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jirrikonoxxi ***r-rwol essenzjali tat-trobbija intensiva*** tal-bhejjem, ***b'mod partikolari*** s-sistemi bbażati fuq il-bwar, ***fiż-żamma ta' sistemi agrikoli ċirkolari, fit-tisħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u fil-provvista ta' servizzi klimatiċi u*** ambjentali ***permezz tas-sekwestru*** tal-karbonju, ***it-titjib tal-kwalità tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-manutenzjoni ta' pajsaġġi diversifikati u miftuħa***;	28. Jirrikonoxxi ***li s-sistemi*** tal-bhejjem, ***inklużi*** s-sistemi bbażati fuq il-bwar, ***ftit li xejn jipprovdu benefiċċji*** ambjentali***, iżda jemettu ammonti kbar ta' metan, ossidu nitruż u diossidu*** tal-karbonju, ***jipperikolaw il-bijodiversità u l-kwalità tal-ilma minħabba l-użu tal-pestiċidi u l-fertilizzant u minħabba l-produzzjoni tal-għalf permezz tal-monokultura***;

Or. en

Emenda 468
Francesco Ventola, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jisħaq li l-annimali mrobbija huma element indispensabbli tal-fluss ċirkolari tal-materjali fis-settur agrikolu, u li jirriċiklaw b'diversi modi l-ammonti kbar ta' bijomassa li ma tittikilx iġġenerata bħala prodotti sekondarji matul il-produzzjoni tal-ikel għall-bnedmin. L-annimali żootekniċi jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jikkonvertu dawn il-materjali fiċ-ċiklu naturali filwaqt li jipproduċu ikel ta' kwalità għolja. B'mod partikolari, l-annimali li jixtarru jistgħu wkoll jivvalorizzaw art marġinali li ma tkunx adattata għall-produzzjoni diretta tal-ikel għall-bnedmin. Barra minn hekk, sistemi tal-bhejjem ġestiti tajjeb li japplikaw prinċipji agroekoloġiċi jistgħu jiġġeneraw ħafna benefiċċji oħra, inkluż is-sekwestru tal-karbonju, saħħa mtejba

tal-ħamrija, bijodiversità akbar, xtut tax-xmajjar protetti aħjar u l-forniment ta' servizzi importanti tal-ekosistema;

Or. it

Emenda 469
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq fuq l-importanza li l-bhejjem jiġu integrati f'mudelli agrikoli sostenibbli, filwaqt li jiġu żgurati flussi bbilanċjati ta' nutrijenti u tiġi minimizzata l-kompetizzjoni tar-riżorsi;	29. Jisħaq fuq l-importanza li l-bhejjem jiġu integrati f'mudelli agrikoli sostenibbli***, jiġu rrestawrati s-sistemi ta' biedja mħallta***, filwaqt li jiġu żgurati flussi bbilanċjati ta' nutrijenti u tiġi minimizzata l-kompetizzjoni tar-riżorsi; ***jinnota wkoll il-benefiċċji multipli tar-ragħa mnewba jew tal-massa fil-produttività tar-ragħa u tal-għalf, l-assorbiment tal-karbonju, il-kwalità tal-ħamrija, il-bijodiversità u r-reżiljenza għan-nixfa;***

Or. en

Emenda 470
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. ***Jisħaq fuq l-importanza li l-bhejjem jiġu integrati f'mudelli agrikoli sostenibbli, filwaqt li jiġu żgurati flussi bbilanċjati ta' nutrijenti u tiġi minimizzata l-kompetizzjoni tar-riżorsi***;	29. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ibbażati fuq xjenza soda, u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati; inkluż ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-produtturi tal-bhejjem, b'mod partikolari dawk li jirrappreżentaw lil nissiela***

involuti fi programmi ta' tnissil;

Or. pl

Emenda 471
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq fuq l-importanza li l-bhejjem jiġu integrati f'mudelli agrikoli sostenibbli, filwaqt li jiġu żgurati flussi bbilanċjati ***ta' nutrijenti*** u tiġi minimizzata l-kompetizzjoni ***tar-riżorsi***;	29. Jisħaq fuq l-importanza li l-bhejjem jiġu integrati f'mudelli agrikoli sostenibbli, filwaqt li jiġu żgurati flussi bbilanċjati ***tan-nutrijenti*** u tiġi minimizzata l-kompetizzjoni ***fir-riżorsi, u l-użu effiċjenti tal-bhejjem, biex jiġi żgurat bilanċ bejn is-sostenibbiltà u l-ħtiġijiet tal-ikel***;

Or. ro

Emenda 472
Francesco Ventola, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jitlob li r-rappreżentazzjonijiet issimplifikati żżejjed tas-sistemi żoote kniċi jiġu rrifjutati bħala sistemi li jagħmlu ħsara lill-pjaneta b'mod inerenti: tali ġudizzji jridu jkunu konsistenti ma' approċċi olistiċi għas-sostenibbiltà etika, ekonomika, soċjali u ambjentali. Qed nilħqu jew qbiżna l-limitu tar-riżorsi tal-pjaneta. Sabiex jiġu protetti r-riżorsi naturali u jiżdied ir-rispett għall-annimali, l-operaturi tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem jistgħu, jeħtiġilhom u se jaġixxu fuq il-bażi tal-għarfien xjentifiku li qed jevolvi b'mod kostanti. Madankollu, huwa kontroproduttiv li l-impatt tal-bhejjem jiġi eżaġerat jew li s-

sostenibbiltà ambjentali tiġi indirizzata b'mod riduttiv, abbażi ta' elementi u metrika individwali. Huwa biss permezz ta' evalwazzjonijiet bir-reqqa bbażati fuq evidenza sperimentali li jkun possibbli li wieħed jifhem il-kontributi kumplessi għas-soċjetà u għan-natura magħmula minn annimali ġestiti tajjeb, f'termini ta' disponibbiltà ta' nutrijenti, bijodiversità, struttura idroloġika, fertilità tal-ħamrija u servizzi oħra tal-ekosistema;

Or. it

Emenda 473
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-inċentivi finanzjarji u regolatorji għall-produzzjoni tal-bijogass u tal-bijometan mid-demel meta dawn iżommu jew jespandu l-produzzjoni industrijali tal-bhejjem, anki jekk tnaqqis fil-produzzjoni jkun essenzjali biex jiġu ssodisfati l-għanijiet ambjentali u tas-saħħa pubblika tal-UE, biex it-tisħin globali jinżamm taħt il-1,5°C u biex tiġi protetta d-diversità tal-produtturi fuq skala żgħira f'żoni rurali;

Or. de

Emenda 474
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jisħaq fuq l-importanza li l-

ekonomija ċirkolari tiġi integrata aħjar fil-bijoekonomija emerġenti, li jiġi ottimizzat l-użu ta' materja prima u prodotti sekondarji biex jiġu ġġenerati prodotti sekondarji u sorsi ġodda tal-enerġija bħall-bijogass u li tissaħħaħ l-awtonomija enerġetika tal-UE; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni tal-impatt komprensiva tal-miri tal-UE għall-produzzjoni tal-bijometan fis-settur agrikolu;

Or. de

Emenda 475
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jissottolinja li t-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem f'żoni remoti u żvantaġġati tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja l-bijodiversità u tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali;	30. Jissottolinja li t-trobbija tal-bhejjem f'żoni remoti u żvantaġġati tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja l-bijodiversità u tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali; ***jistieden lill-Kummissjoni żżid il-possibbiltà għall-Istati Membri biex jappoġġjaw il-preservazzjoni tal-pajsaġġi mill-bdiewa permezz tal-PAK;***

Or. en

Emenda 476
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jissottolinja li t-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem f'żoni remoti u żvantaġġati	30. Jissottolinja li t-trobbija tal-bhejjem f'żoni remoti u żvantaġġati tikkontribwixxi

tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja l-bijodiversità u tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali;	għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja l-bijodiversità u tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali; ***jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji u burokratiċi għall-isfruttament sħiħ tal-mergħat;***

Or. it

Emenda 477
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jissottolinja li t-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem f'żoni remoti ***u żvantaġġati tikkontribwixxi*** għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja ***l-bijodiversità*** u tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali;	30. Jissottolinja li t-trobbija ***kontinwa*** tal-bhejjem f'żoni remoti***, interni u insulari u reġjuni ultraperiferiċi tagħti kontribut deċiżiv*** għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja ***l-preservazzjoni tal-bijodiversità*** u tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali ***u s-sistemi agroekoloġiċi uniċi ta' dawn ir-reġjuni***;

Or. pt

Emenda 478
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jissottolinja li t-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem f'żoni remoti u żvantaġġati tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja l-bijodiversità u tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali***;***	30. Jissottolinja li t-trobbija tal-bhejjem f'żoni remoti u żvantaġġati tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja l-bijodiversità u tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali***, iżżid l-introjtu tal-popolazzjoni u twettaq ripopolazzjoni taż-żoni rurali.***

Or. ro

Emenda 479
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jissottolinja li t-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem f'żoni remoti u żvantaġġati tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja l-bijodiversità ***u*** tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali;	30. Jissottolinja li t-trobbija tal-bhejjem f'żoni remoti u żvantaġġati tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ambjentali billi tipprevjeni l-abbandun tal-art, tappoġġja l-bijodiversità***,*** tippreserva l-pajsaġġi tradizzjonali ***u ssostni l-għajxien rurali u l-wirt kulturali***;

Or. en

Emenda 480
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali lill-ispeċijiet ta' annimali tal-irziezet fil-periklu li jipprovdu servizzi tal-ekosistema ogħla mill-medja, bħal, fost l-oħrajn, il-bufli, li jaqbdu 10 darba aktar karbonju fis-sena f'pajsaġġ partikolari[2b], filwaqt li jaġixxu bħala periti tal-pajsaġġ u jżommu l-flora li d-dakkara jieklu, filwaqt li jipprovdu ħalib b'kontenut ogħla ta' xaħam, proteini, lattożju, vitamini u minerali minn speċijiet oħra; jistieden lill-Kummissjoni toffri għajnuna finanzjarja lill-bdiewa u lill-komunitajiet lokali li jżommu l-popolazzjoni ta' tali speċijiet;

[2b] https://rewilding.org/rewilded-bison-

are-climate-heroes-new-research/

Or. en

Emenda 481
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura protezzjoni aktar b'saħħitha tal-art agrikola tal-UE billi tissalvagwardja d-disponibbiltà u l-użu tagħha għal skopijiet agrikoli, fid-dawl tal-isfidi dejjem jikbru relatati mas-sigurtà tal-ikel, l-awtonomija strateġika, is-servizzi tal-ekosistema, u l-preservazzjoni ta' spazju rurali miftuħ; jenfasizza li l-art agrikola trid tkun protetta aħjar kontra t-teħid tal-art, id-degradazzjoni, u l-użi mhux agrikoli f'kompetizzjoni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi tal-ikel u l-ekonomiji rurali tal-UE.

Or. en

Emenda 482
Francesco Ventola, Sergio Berlato, Nicola Procaccini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jirrimarka li l-idea spiss proposta li s-settur agrikolu jista' faċilment jiġi ttrasformat fi stat ta' newtralità klimatika billi tiġi eliminata jew imnaqqsa drastikament it-trobbija tal-annimali mhijiex biss żbaljata b'mod perikoluż, iżda wkoll mhux mitluba mill-maġġoranza tal-popolazzjoni;

Or. it

Emenda 483
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jinnota l-vantaġġi ekonomiċi għall-bdiewa tat-tixrib mill-ġdid, anke parzjalment, tat-torbieri, b'mod partikolari bl-introduzzjoni tal-kultivazzjoni tal-għadajjar; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-PAK sabiex jappoġġjaw ir-ragħa ta' torbieri mxarrba mill-ġdid u artijiet mistagħdra, pereżempju permezz ta' bufli tal-ilma u razez bovini lokali b'saħħithom;

Or. en

Emenda 484
Cristina Maestre, Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jisħaq fuq l-importanza li l-annimali jinżammu f'saħħithom, peress li l-morbidità tal-annimali taffettwa b'mod negattiv il-produttività individwali u l-mortalità tal-annimali żżid l-impronta tal-karbonju tas-settur tal-bhejjem, b'mod partikolari meta l-annimali li jitrabbew u jinqatlu ma jidħlux fil-katina alimentari;

Or. en

Emenda 485

David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30b. Jinnota l-importanza li jiġu ssalvagwardjati u mrobbija razez rustiċi li huma aktar robusti u reżiljenti f'nofs kriżi ambjentali, u li jistgħu jkunu wkoll aktar adatti għal produzzjoni estensiva mitmugħa fil-mergħat; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu aħjar mill-possibbiltà li qed tagħti l-PAK biex jiġu appoġġjati razez fil-periklu ta' estinzjoni, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2016/1012;

Or. en

Emenda 486
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jisħaq fuq ***l-importanza li s-sistemi tal-biedja jintegraw il-produzzjoni tal-għelejjel mat-trobbija tal-annimali sabiex jiġi ffaċilitat ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti billi jiġu ffavoriti*** l-fertilizzanti ***organiċi minflok dawk sintetiċi, jitnaqqas il-konsum tas-sustanzi kimiċi u jissaħħu l-fertilità tal-ħamrija u l-bijodiversità***;	31. Jisħaq fuq ***il-fatt li*** l-fertilizzanti ***tal-pjanti, bħal dawk magħmula mil-legumi u l-fermentazzjoni tagħhom, inaqqsu l-konsum tar-riżorsi u għandhom benefiċċji ekoloġiċi sinifikanti***;

Or. en

Emenda 487
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi riveduta d-Direttiva dwar in-Nitrati[30], li ma tirriflettix l-aħħar avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni;	***imħassar***
[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).	

Or. en

Emenda 488
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi riveduta d-Direttiva dwar in-Nitrati[30], li ma tirriflettix l-aħħar avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni;	32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi riveduta d-Direttiva dwar in-Nitrati[30], li ma tirriflettix l-aħħar avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni; ***jirreferi għal studji reċenti dwar il-benefiċċji u l-impatt newtrali fuq il-kwalità tal-ilma tad-derogi mogħtija lill-Istati Membri***[31]

	https://www.vlm.be/nl/SiteCollectionDocuments/Mestbank/Studies/Samenvatting_derogation-monitoring-network-of-farms-under-MAP5.pdf
[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru ***1991*** dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).	[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli**,** (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).
	Or. en

Emenda 489
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ***taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti*** fertilizzanti ***alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi riveduta d-Direttiva dwar in-Nitrati[30], li ma tirriflettix l-aħħar avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni;***	32. Jistieden lill-Kummissjoni ***tistabbilixxi programmi biex tagħti spinta lill-metodi ta'*** fertilizzanti ***mil-legumi u l-fermentazzjoni tagħhom***;
[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).	
	Or. en

Emenda 490

Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni ***taċċellera*** l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; ***jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi riveduta d-Direttiva dwar in-Nitrati[30], li ma tirriflettix l-aħħar avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni;***	32. Jistieden lill-Kummissjoni ***teżamina*** l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem;

[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).

Or. de

Emenda 491
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi riveduta d-Direttiva dwar in-Nitrati[30], li ma tirriflettix l-aħħar avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni;	32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi riveduta d-Direttiva dwar in-Nitrati[30], li ma tirriflettix l-aħħar avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni***, uli***

	jiġi żgurat li dawn l-avvanzi jkunu marbuta ma' investiment fil-kwalità tal-produzzjoni tal-bhejjem sabiex jiġi ottimizzat l-input agronomiku ta' prodotti sekondarji mill-annimali;
[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).	[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).
	Or. ro

Emenda 492
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; ***jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi riveduta d-Direttiva*** dwar in-Nitrati[30], ***li ma tirriflettix*** l-aħħar ***avvanzi xjentifiċi*** u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni;	32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi ***importati minn pajjiżi terzi*** u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; ***jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni mmirata tad-Direttiva*** dwar in-Nitrati[30], ***biex tqis*** l-aħħar ***evidenza xjentifika*** u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni;
[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 ***dwar*** il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).	[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 ***cdwar*** il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).
	Or. en

Emenda 493
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti***, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi*** u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; ***jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi riveduta d-Direttiva dwar in-Nitrati[30], li ma tirriflettix l-aħħar avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni;***	32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; ***filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza strateġika tal-produzzjoni tal-fertilizzanti konvenzjonali fl-UE bħala vitali u meħtieġa għall-kompetittività Ewropea.***

[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).

Or. en

Emenda 494
Cristina Maestre, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; ***jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi***	32. Jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-approvazzjoni u l-adozzjoni ta' prodotti fertilizzanti alternattivi, bħad-diġestat u l-materjali RENURE, biex ittejjeb ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti, tnaqqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u tippromwovi ċ-ċirkolarità fis-sistemi tal-bhejjem; ***jirrakkomanda rieżami tad-***

riveduta d-Direttiva dwar in-Nitrati[30], ***li ma tirriflettix l-aħħar*** avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni;

[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).

Direttiva dwar in-Nitrati[30], ***biex tiġi allinjata mal-aħħar*** avvanzi xjentifiċi u prattiki innovattivi ta' fertilizzazzjoni***, filwaqt li tkompli tipproteġi l-kwalità tal-ilma***;

[30] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).

Or. en

Emenda 495
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Ifakkar li t-trobbija intensiva tal-bhejjem hija kontributur ewlieni għat-tniġġis tal-ħamrija u tal-ilma permezz tal-emissjonijiet tal-ammonijaka u l-iskol tan-nitroġenu; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri ta' politika fuq terminu medju u twil biex jingħalaq iċ-ċirku tan-nutrijenti, f'konformità mal-limiti u l-limiti stabbiliti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati;

Or. en

Emenda 496
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-

	Istati Membri jindirizzaw l-impatt ambjentali tat-tniġġis min-nitrati li jirriżulta mit-trobbija kkonċentrata tal-bhejjem; jisħaq fuq il-ħtieġa f'dan ir-rigward li jissaħħu l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva dwar in-Nitrati;

Or. en

Emenda 497
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt kumulattiv tat-trobbija intensiva tal-bhejjem fuq il-kwalità tal-ħamrija u tal-ilma u tippromwovi sistemi ta' trobbija ta' bhejjem aktar estensivi li jnaqqsu l-iskol tan-nutrijenti, jipproteġu l-ilma ta' taħt l-art, u jappoġġjaw il-bilanċ ekoloġiku tar-reġjuni affettwati; jissottolinja l-importanza li l-bdiewa jiġu appoġġjati fl-adozzjoni ta' prattiki aktar sostenibbli, inkluż permezz tal-aċċess għall-finanzjament tal-PAK, tas-servizzi għall-kondiviżjoni tal-għarfien u ta' konsulenza;

Or. en

Emenda 498
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura prezzijiet ġusti jew kumpens dovut għal min irabbi l-bhejjem, minħabba ż-żieda fil-kost tal-fertilizzanti;	***imħassar***

Or. de

Emenda 499
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura prezzijiet ġusti jew kumpens dovut ***għal min irabbi l-bhejjem***, minħabba ***ż-żieda fil-kost tal-fertilizzanti***;	33. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura prezzijiet ġusti jew kumpens dovut ***għall-bdiewa organiċi***, minħabba ***r-rati tal-inflazzjoni***;

Or. en

Emenda 500
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 501
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-	34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-

diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;	diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli; ***jappoġġja l-użu ta' aktar demel tal-annimali fuq ċerti għelejjel fil-kuntest tat-tnaqqis tad-dipendenzi tal-UE, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ż-żieda fiċ-ċirkolarità***

Or. en

Emenda 502
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;	34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli; ***jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex jadottaw malajr il-proposta biex ikunu jistgħu jintużaw il-fertilizzanti RENURE;***

Or. en

Emenda 503
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-	34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-

diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;	diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas ***l-użu tal-fertilizzanti sintetiċi tan-nitroġenu u*** l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ***relatati*** u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;

Or. it

Emenda 504
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;	34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari ***u għat-tnaqqis tad-dipendenzi tal-UE fuq is-swieq esterni***, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;

Or. en

Emenda 505
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet	34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu kemm tad-diġestat kif ukoll tar-RENURE jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet

serra ***u*** jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;	serra***,*** jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli ***u jnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili impurtati***;

Or. en

Emenda 506
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu ***kemm tad-diġestat kif ukoll tar-RENURE*** jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;	34. Jinnota li t-tisħiħ tal-użu ***ta' prodotti agrikoli bbażati fuq il-pjanti, bħal-legumi u l-fermentazzjoni tagħhom,*** jikkontribwixxi mhux biss għall-ekonomija ċirkolari, iżda wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE billi jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jappoġġja l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli;

Or. en

Emenda 507
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	34a. jissottolinja li s-settur tat-trobbija tal-bhejjem m'għandux jitqies b'mod iżolat bħala sors ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, iżda għandu jiġi inkorporat f'viżjoni ta' bijoekonomija ċirkolari, peress li l-annimali jikkontribwixxu għar-riċiklaġġ tal-bijomassa mhux tajbin għall-ikel, il-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi, il-ġenerazzjoni tal-bijogass u ż-żamma tas-saħħa tal-ħamrija, li tissekwestra l-karbonju; jistieden lill-Kummissjoni

tappoġġja approċċ ibbażat fuq ix-xjenza u differenzjat reġjonalment, filwaqt li tevita ġeneralizzazzjonijiet simplistiċi u tippromwovi t-trobbija responsabbli tal-bhejjem bħala parti minn soluzzjoni agrikola sostenibbli;

Or. ro

Emenda 508
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	34b. jiġbed l-attenzjoni għal-limitazzjonijiet tal-metodoloġija użata biex jiġi vvalutat l-impatt tal-metan mit-tnissil tal-bhejjem u jirrakkomanda l-użu ta' indikaturi aktar preċiżi biex jirriflettu d-dinamika tal-emissjonijiet u l-effett reali fuq it-tisħin globali b'mod aktar preċiż, filwaqt li jitqies b'mod partikolari l-fatt li l-metan għandu ħajja atmosferika ta' madwar 12-il sena; jissottolinja li t-tnaqqis fl-għadd ta' bhejjem mingħajr analiżi sħiħa taċ-ċirkolarità jista' jkollu effetti inversi, iżid l-emissjonijiet fuq bwar ġestiti b'mod mhux sostenibbli, iżid l-għadd ta' nirien u l-erja meħtieġa tar-raba' li jinħadem, u jaffettwa s-sigurtà tal-ikel;

Or. ro

Emenda 509
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	34c. jirrikonoxxi r-rwol strateġiku tas-

settur tat-trobbija tal-bhejjem fiż-żamma tal-vitalità taż-żoni rurali, il-forniment ta' servizzi tal-ekosistema, inklużi l-prevenzjoni tan-nirien u l-konservazzjoni tal-bijodiversità fuq il-bwar, u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq inputs sintetiċi bħall-fertilizzanti kimiċi jew l-enerġija mill-fjuwils fossili; jitlob politiki li jappoġġjaw l-integrazzjoni tal-għelejjel u tal-bhejjem f'azjendi agrikoli mħallta sabiex jingħalqu ċ-ċirkwiti tan-nutrijenti u s-sistemi agrikoli Ewropej isiru aktar reżiljenti;

Or. ro

Emenda 510
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fl-innovazzjoni u l-infrastruttura li jippermettu l-użu usa' ta' fertilizzanti derivati mid-demel u bijogass mit-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem, f'konformità mal-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija;	35. Jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fl-innovazzjoni u l-infrastruttura li jippermettu l-użu usa' ta' fertilizzanti derivati mid-demel u bijogass mit-trobbija tal-bhejjem, f'konformità mal-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija; ***jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-mod kif il-prodotti agrikoli, il-prodotti sekondarji u l-prodotti li jifdal jitqiesu bħala skart biex ikunu jistgħu jintużaw aktar faċilment bħala komodità.***

Or. en

Emenda 511
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fl-innovazzjoni u l-infrastruttura li jippermettu l-użu usa' ta' fertilizzanti derivati mid-demel u bijogass mit-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem, f'konformità mal-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija;	35. Jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fl-innovazzjoni u l-infrastruttura li jippermettu l-użu usa' ta' fertilizzanti derivati mid-demel u bijogass mit-trobbija tal-bhejjem, f'konformità mal-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija***, dment li tali installazzjonijiet jiġu żviluppati fuq skala lokali u żgħira, mingħajr ma jiġu inċentivati ż-żidiet tad-daqs tal-merħli jew l-importazzjoni ta' inputs agrikolu externi***;

Or. en

Emenda 512
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fl-innovazzjoni u l-infrastruttura li jippermettu l-użu usa' ta' ***fertilizzanti derivati mid-demel*** u bijogass ***mit-trobbija intensiva tal-bhejjem***, f'konformità mal-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija;	35. Jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fl-innovazzjoni u l-infrastruttura li jippermettu l-użu usa' ta' ***legumi u l-fermentazzjoni tagħhom,*** u bijogass ***mil-legumi***, f'konformità mal-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija;

Or. en

Emenda 513
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva dwar in-Nitrati qabel tmiem din is-sena biex tippermetti l-użu ta' demel minflok fertilizzanti artifiċjali, sabiex tiġi promossa l-ġestjoni ċirkolari

tan-nutrijenti;

Or. en

Emenda 514
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Jisħaq li l-bijogass prodott mid-demel tal-annimali jew mill-għelejjel mhuwiex sostenibbli u la għandu jiġi inċentivat u lanqas iffaċilitat;

Or. en

Emenda 515
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jissottolinja l-ħtieġa għal rikonoxximent aħjar tal-kontribut ***tat-trobbija intensiva*** tal-bhejjem għall-bijoekonomija permezz ta' approċċ aktar komprensiv għaċ-ċikli tan-nutrijenti u tal-karbonju ***fl-użi*** kollha tal-ikel u mhux tal-ikel;	36. Jissottolinja l-ħtieġa għal rikonoxximent aħjar tal-kontribut ***tas-sistemi estensivi ta' trobbija*** tal-bhejjem ***li ma jagħmlux ħsara l-annimali u lill-gvern*** għall-bijoekonomija permezz ta' approċċ aktar komprensiv ***u tajjeb għall-ambjent*** għaċ-ċikli tan-nutrijenti u tal-karbonju ***fl-oqsma*** kollha ***tal-produzzjoni*** tal-ikel u mhux tal-ikel; ***jissottolinja, madankollu, li t-trobbija intensiva tal-bhejjem spiss tfixkel dawn iċ-ċikli u tikkontribwixxi għad-degradazzjoni ambjentali, u għalhekk jitlob approċċ aktar differenzjat għat-tfassil tal-politika;***

Or. de

Emenda 516
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jissottolinja l-ħtieġa għal rikonoxximent aħjar tal-kontribut tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem għall-bijoekonomija permezz ta' approċċ aktar komprensiv għaċ-ċikli tan-nutrijenti u tal-karbonju fl-użi kollha tal-ikel u mhux tal-ikel;	36. Jissottolinja l-ħtieġa għal rikonoxximent aħjar tal-kontribut tat-trobbija tal-bhejjem għall-bijoekonomija permezz ta' approċċ aktar komprensiv għaċ-ċikli tan-nutrijenti u tal-karbonju fl-użi kollha tal-ikel u mhux tal-ikel; ***jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tuża r-riżultati tar-riċerka fl-approċċ tagħha għas-settur tat-trobbija tal-bhejjem.***

Or. ro

Emenda 517
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jissottolinja l-ħtieġa għal rikonoxximent aħjar tal-kontribut tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem għall-bijoekonomija permezz ta' approċċ aktar komprensiv għaċ-ċikli tan-nutrijenti u tal-karbonju fl-użi kollha tal-ikel u mhux tal-ikel;	36. Jissottolinja l-ħtieġa għal rikonoxximent aħjar tal-kontribut tat-trobbija tal-bhejjem għall-bijoekonomija permezz ta' approċċ aktar komprensiv għaċ-ċikli tan-nutrijenti u tal-karbonju fl-użi kollha tal-ikel u mhux tal-ikel; ***jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita r-riċerka u l-iżvilupp ta' għalf ċirkolari;***

Or. en

Emenda 518
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jissottolinja l-ħtieġa għal rikonoxximent aħjar tal-kontribut ***tat-trobbija intensiva tal-bhejjem*** għall-bijoekonomija permezz ta' approċċ aktar komprensiv għaċ-ċikli tan-nutrijenti u tal-karbonju fl-użi kollha tal-ikel u mhux tal-ikel;	36. Jissottolinja l-ħtieġa għal rikonoxximent aħjar tal-kontribut ***tal-biedja bbażata fuq il-pjanti*** għall-bijoekonomija permezz ta' approċċ aktar komprensiv għaċ-ċikli tan-nutrijenti u tal-karbonju fl-użi kollha tal-ikel u mhux tal-ikel;

Or. en

Emenda 519
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***36a. Jisħaq li l-annimali mrobbija huma element indispensabbli tal-ekonomija ċirkolari marbuta mas-settur agrikolu, u jirriċiklaw b'diversi modi l-ammonti kbar ta' bijomassa li ma tittikilx iġġenerata bħala prodotti sekondarji matul il-produzzjoni tal-ikel għall-bnedmin. Ruminanti b'mod partikolari jistgħu wkoll jagħmlu użu minn artijiet marġinali li mhumiex adattati għall-kultivazzjoni;**

Or. it

Emenda 520
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Iwissi kontra l-ideat ta' politika "waħda tajba għal kulħadd" immirati lejn tnaqqis fuq skala kbira fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem, għax dan jista' jaggrava d-	***imħassar***

degradazzjoni ambjentali u jhedded ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel; jinnota, b'mod partikolari, li t-tnaqqis fl-għadd ta' ruminanti jista' jwassal għal tibdil fl-użu tal-art b'effetti negattivi, inklużi l-abbandun tal-art, l-iżvilupp tal-foresti, it-telf tal-bijodiversità u r-riskju akbar ta' nirien;

Or. en

Emenda 521
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. ***Iwissi kontra l-ideat ta' politika "waħda tajba għal kulħadd" immirati lejn tnaqqis fuq skala kbira*** fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem***, għax dan jista' jaggrava d-degradazzjoni ambjentali u jhedded ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel***; jinnota, b'mod partikolari, li t-tnaqqis fl-għadd ta' ruminanti ***jista'*** jwassal għal ***tibdil fl-użu tal-art b'effetti negattivi, inklużi l-abbandun tal-art, l-iżvilupp tal-foresti, it-telf tal-bijodiversità u r-riskju akbar ta' nirien***;	37. ***Jirrakkomanda politiki mfassla apposta u applikati lokalment għat-tnaqqis*** fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem; jinnota, b'mod partikolari, li t-tnaqqis fl-għadd ta' ruminanti ***se*** jwassal għal ***żieda fil-bijodiversità u jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra***;

Or. en

Emenda 522
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. ***Iwissi kontra l-ideat ta' politika "waħda tajba għal kulħadd" immirati lejn tnaqqis fuq skala kbira fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem, għax dan jista' jaggrava d-***	37. Jinnota li t-tnaqqis fl-għadd ta' ruminanti jista' jwassal għal tibdil fl-użu tal-art b'effetti negattivi, inklużi l-abbandun tal-art, l-iżvilupp tal-foresti, it-

degradazzjoni ambjentali u jhedded ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel; jinnota***, b'mod partikolari,*** li t-tnaqqis fl-għadd ta' ruminanti jista' jwassal għal tibdil fl-użu tal-art b'effetti negattivi, inklużi l-abbandun tal-art, l-iżvilupp tal-foresti, it-telf tal-bijodiversità u r-riskju akbar ta' nirien;	telf tal-bijodiversità u r-riskju akbar ta' nirien; ***jenfasizza, madankollu, li t-tnaqqis immirat fis-sistemi intensivi tat-trobbija tal-bhejjem jista' jgħin biex jitnaqqas l-impatt ambjentali estern, jittejbu l-kundizzjonijiet kompetittivi għall-bdiewa fuq skala żgħira u estensiva u tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni lejn mudelli aktar sostenibbli;***
	Or. de

Emenda 523
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Iwissi kontra l-ideat ta' politika "waħda tajba għal kulħadd" immirati lejn tnaqqis fuq skala kbira fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem, għax dan jista' jaggrava d-degradazzjoni ambjentali u jhedded ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel; jinnota, b'mod partikolari, li t-tnaqqis fl-għadd ta' ruminanti jista' jwassal għal tibdil fl-użu tal-art b'effetti negattivi, inklużi l-abbandun tal-art, l-iżvilupp tal-foresti, it-telf tal-bijodiversità u r-riskju akbar ta' nirien;	37. Iwissi kontra l-ideat ta' politika "waħda tajba għal kulħadd" immirati lejn tnaqqis fuq skala kbira ***u mhux differenzjat*** fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem, għax dan jista' jaggrava d-degradazzjoni ambjentali u jhedded ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel ***u tas-sigurtà tal-ikel tal-UE***; jinnota, b'mod partikolari, li t-tnaqqis fl-għadd ta' ruminanti jista' jwassal għal tibdil fl-użu tal-art b'effetti negattivi, inklużi l-abbandun tal-art, l-iżvilupp tal-foresti, it-telf tal-bijodiversità u r-riskju akbar ta' nirien;
	Or. ro

Emenda 524
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. ***Iwissi kontra l-ideat ta' politika***	37. ***Jinnota li, mill-bidu tal-aħħar***

"waħda tajba għal kulħadd" immirati lejn tnaqqis fuq skala kbira fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem, għax dan jista' jaggrava d-degradazzjoni ambjentali u jhedded ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel; jinnota, b'mod partikolari, li t-tnaqqis fl-għadd ta' ruminanti jista' jwassal għal tibdil fl-użu tal-art b'effetti negattivi, inklużi l-abbandun tal-art, l-iżvilupp tal-foresti, it-telf tal-bijodiversità u r-riskju akbar ta' nirien;

perjodu ta' programmazzjoni tal-PAK, l-Istati Membri setgħu jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont il-ħtiġijiet nazzjonali u reġjonali; jinnota, b'mod partikolari, li t-tnaqqis fl-għadd ta' ruminanti jista' jwassal għal tibdil fl-użu tal-art b'effetti negattivi, inklużi l-abbandun tal-art, l-iżvilupp tal-foresti, it-telf tal-bijodiversità u r-riskju akbar ta' nirien;

Or. en

Emenda 525
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37a. Jenfasizza li r-rekwiżiti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ambjentali jistgħu jkunu f'kunflitt mal-objettivi tat-trattament xieraq tal-annimali, b'mod partikolari f'sistemi fejn l-annimali jinżammu barra; jissottolinja li l-emissjonijiet minn sistemi ta' trobbija ta' bhejjem fuq barra huma intrinsikament aktar diffiċli biex jitkejlu u jiġu kkontrollati u li tali emissjonijiet għandhom jiġu ttrattati bi flessibbiltà xierqa peress li l-benefiċċji tat-trattament xieraq tal-annimali ma għandhomx jiġu mminati minn miri tal-emissjonijiet mhux realistiċi jew teknikament mhux infurzabbli;

Or. en

Emenda 526
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqas l-ammont ta' annimali mrobbija miżmuma għal kull ettaru fl-Ewropa sabiex ikun jista' jiġi prodott ammont akbar ta' ikel u għalf meħtieġ fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 527
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37b. Jissottolinja li t-tnaqqis fil-produzzjoni u l-konsum tal-laħam u tal-prodotti tal-ħalib se jagħti kontribut pożittiv sinifikanti għall-klima, għall-ambjent, għas-saħħa pubblika u għas-saħħa u għat-trattament xieraq tal-annimali;

Or. en

Emenda 528
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37c. Jappoġġja tnaqqis fil-produzzjoni u fil-konsum ta' prodotti bbażati fuq l-annimali fl-UE sabiex l-agrikoltura tal-UE ssir aktar sostenibbli u awtosuffiċjenti fil-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf, li tkun lokali u bbażata fuq ktajjen tal-provvista qosra u li ma tkunx aktar dipendenti fuq l-importazzjonijiet tal-għalf għas-settur ta' trobbija tal-bhejjem;

Or. en

Emenda 529
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu ottimizzati l-prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem u titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem***, *inkluż*** it-tekniki tat-tnissil, tal-għalf, tar-ragħa u tal-ġestjoni tad-demel ***li jtejbu l-eżiti tas-sostenibbiltà***;	38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu ottimizzati l-prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem u titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem***:*** it-tekniki tat-tnissil, tal-għalf, tar-ragħa u tal-ġestjoni tad-demel ***tal-bhejjem, iżda wkoll rieżami tal-metodi ta' kalkolu tal-IPCC li jqisu bis-sħiħ il-permanenza skarsa fl-atmosfera tal-metan li joriġina mill-bhejjem u r-responsabbiltà limitata tiegħu għat-tisħin globali***;

Or. it

Emenda 530
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex ***jiġu ottimizzati l-prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem u*** titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem***, inkluż it-tekniki tat-tnissil, tal-għalf, tar-ragħa u tal-ġestjoni tad-demel li jtejbu l-eżiti tas-sostenibbiltà***;	38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem;

Or. en

Emenda 531
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu ottimizzati l-prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem u titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem, inkluż it-tekniki tat-tnissil, tal-għalf, tar-ragħa u tal-ġestjoni tad-demel li jtejbu l-eżiti tas-sostenibbiltà;	38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu ottimizzati l-prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem u titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem, inkluż it-tekniki tat-tnissil, tal-għalf, tar-ragħa u tal-ġestjoni tad-demel li jtejbu l-eżiti tas-sostenibbiltà ***u tat-trattament xieraq tal-annimali, filwaqt li japplikaw b'mod kostanti l-prinċipju prekawzjonarju fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali***;

Or. de

Emenda 532
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu ottimizzati l-prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem u titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem, inkluż it-tekniki tat-tnissil, tal-għalf, tar-ragħa u tal-ġestjoni tad-demel li jtejbu l-eżiti tas-sostenibbiltà;	38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu ottimizzati l-prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem***, jissaħħaħ it-trattament xieraq tal-annimali*** u titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem, inkluż ***l-ottimizzazzjoni tal-bini fejn jgħixu l-bhejjem,*** it-tekniki tat-tnissil, tal-għalf, tar-ragħa u tal-ġestjoni tad-demel li jtejbu l-eżiti tas-sostenibbiltà;

Or. en

Emenda 533
Cristina Maestre, Dario Nardella, Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu ottimizzati l-prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem ***u*** titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem, inkluż ***it-tekniki*** tat-tnissil***, tal-għalf***, tar-ragħa ***u*** tal-ġestjoni tad-demel li jtejbu l-eżiti tas-sostenibbiltà;	38. Jappella għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu ottimizzati l-prattiki ta' ġestjoni ***tal-produzzjoni tal-għelejjel u*** tal-bhejjem ***biex*** titnaqqas l-impronta ekoloġika tal-bhejjem, inkluż ***il-kunċetti*** tat-tnissil ***tal-pjanti, l-għalf tal-annimali***, tar-ragħa***,*** tal-ġestjoni tad-demel ***u tal-għelieqi*** li jtejbu l-eżiti tas-sostenibbiltà;

Or. en

Emenda 534
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38a. Jitlob bidla mis-sistema attwali bbażata fuq l-input u ffukata fuq l-approvazzjoni minn qabel lejn qafas ta' regolamentazzjoni tal-emissjonijiet orjentat lejn l-output; jenfasizza li tali sistema tistabbilixxi għall-bdiewa miri vinkolanti iżda realistiċi għal dak li jikkonċerna l-emissjonijiet, immonitorjati f'ħin reali, filwaqt li tħalli l-għażla tal-metodi u t-teknoloġiji f'idejn il-bdiewa nfushom; jenfasizza li dan l-approċċ jirrestawra l-libertà intraprenditorjali fl-agrikoltura, peress li l-bdiewa jistgħu jagħżlu s-sistemi ta' ventilazzjoni, akkomodazzjoni jew għalf tagħhom skont dak li jaħdem l-aħjar għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom; jenfasizza li l-bdiewa jibqgħu kompletament responsabbli għall-ksib tal-miri stabbiliti, inklużi l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità;

Or. en

Emenda 535
Cristina Maestre, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38a. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija li tqis iċ-ċiklu kollu tal-biedja, tappoġġja l-ippjanar ottimali tan-newba tal-għelejjel, timmassimizza l-użu tar-raba', u ttejjeb u tippersonalizza l-kompożizzjoni tal-għalf imkabbar mill-bdiewa, l-ewwel permezz ta' varjetajiet ta' pjanti li jippermettu tnaqqis fl-emissjonijiet filwaqt li jtejbu s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, bħal fil-każ tas-segala ibrida u l-innovazzjonijiet reċenti tal-prodotti fil-qamħirrum;

Or. en

Emenda 536
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***ibbażati fuq*** xjenza soda***,*** u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati;	39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***abbażi ta'*** xjenza soda u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati; ***jirrakkomanda li l-proċess deċiżjonali jkun ibbażat fuq konsultazzjonijiet pubbliċi ġenwini, valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati u mekkaniżmi kontinwi ta' feedback sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u aċċettata fil-livell lokali;***

Or. ro

Emenda 537
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***ibbażati fuq*** xjenza soda***,*** u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati;	39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***abbażi ta'*** xjenza soda u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati***, speċjalment il-bdiewa***; ***jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-burokrazija żejda u l-burokrazija eċċessiva speċjalment għall-azjendi agrikoli fuq skala żgħira u għall-azjendi agrikoli mmexxija mill-familji.***

Or. en

Emenda 538
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***ibbażati fuq*** xjenza soda***,*** u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati;	39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***abbażi ta'*** xjenza soda u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati***, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-bhejjem, b'mod partikolari dawk li jrabbu l-bhejjem li jimplimentaw programmi ta' tnissil***;

Or. en

Emenda 539
Cristina Maestre, Dario Nardella, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***ibbażati fuq*** xjenza soda***,*** u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati;	39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***abbażi ta'*** xjenza soda u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati***, u li dawn jipprevedu xenarji fit-tul li jippermettu adattament progressiv***;

Or. en

Emenda 540
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***ibbażati fuq*** xjenza soda***,*** u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati;	39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-oqfsa regolatorji relatati mal-bhejjem ***u l-programmi ta' tranżizzjoni lejn biedja bbażata fuq il-pjanti*** jiġu żviluppati b'mod trasparenti, ***abbażi ta'*** xjenza soda u b'involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati;

Or. en

Emenda 541
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	39a. Jitlob li jiġi pprovdut aktar spazju għall-politika biex jiffaċilita approċċ ibbażat fuq il-mira, permezz ta' parametraġġ referenzjarju bbażat fuq l-azjenda agrikola minflok miżuri minn fuq

	għal isfel, li jfisser li l-għażla tal-miżuri għandha titħalla f'idejn il-bdiewa sakemm dawn jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti;

Or. en

Emenda 542
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika permezz ta' sistemi tal-biedja aktar estensivi, u biex tittejjeb is-sostenibbiltà ta' sistemi intensivi;	40. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika permezz ta' sistemi tal-biedja aktar estensivi, u biex tittejjeb is-sostenibbiltà ta' sistemi intensivi ***filwaqt li tiżgurat tranżizzjoni ggwidata u ppjanata tas-sistemi intensivi tal-bhejjem lejn mudelli aktar estensivi, reżiljenti u favur it-trattament xieraq tal-annimali***;

Or. en

Emenda 543
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika permezz ta' sistemi tal-biedja aktar estensivi, u biex ***tittejjeb is-***	40. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika permezz ta' sistemi tal-biedja aktar estensivi, u biex ***tiġi appoġġjata t-***

sostenibbiltà ta' sistemi intensivi;	***tranżizzjoni gradwali minn*** sistemi intensivi ***lejn titjib fil-prestazzjoni ambjentali aqwa u tnaqqis fl-impatt***;

Or. de

Emenda 544
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistieden lill-Kummissjoni tippproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika permezz ta' sistemi tal-biedja aktar estensivi, u biex tittejjeb is-sostenibbiltà ta' sistemi intensivi;	40. Jistieden lill-Kummissjoni tippproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika permezz ta' sistemi tal-biedja aktar estensivi, u biex tittejjeb is-sostenibbiltà ta' sistemi intensivi; ***u wkoll bix jiġi żgurat introjtu ogħla għall-ħaddiema fil-qasam tat-trobbija tal-bhejjem.***

Or. ro

Emenda 545
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistieden lill-Kummissjoni tippproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika ***permezz ta' sistemi tal-biedja aktar estensivi, u biex tittejjeb is-sostenibbiltà ta' sistemi intensivi***;	40. jistieden lill-Kummissjoni tippproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika;

Or. it

Emenda 546
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika ***permezz ta' sistemi tal-biedja aktar estensivi,*** u biex ***tittejjeb is-sostenibbiltà ta' sistemi*** intensivi;	40. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika u biex ***jitneħħew gradwalment is-sistemi*** intensivi ***tal-bhejjem***;

Or. en

Emenda 547
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika permezz ta' sistemi tal-biedja aktar ***estensivi***, u biex tittejjeb is-sostenibbiltà ta' sistemi ***intensivi***;	40. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi għodod biex jissaħħaħ ir-rwol tal-produzzjoni tal-bhejjem għall-manutenzjoni tal-mergħat, li huwa importanti għall-ambjent u l-istabbiltà klimatika permezz ta' sistemi tal-biedja aktar ***effiċjenti***, u biex tittejjeb is-sostenibbiltà ta' sistemi ***tal-bhejjem billi żżid l-effiċjenza tagħhom***;

Or. en

Emenda 548
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40a. Jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni li taġġorna l-leġiżlazzjoni relatata mat-trattament xieraq tal-annimali fl-azjendi agrikoli li ma għadhiex adattata u jfakkar li l-leġiżlazzjoni eżistenti mhijiex konformi mal-evidenza xjentifika attwali dwar is-senzjenza u l-ħtiġijiet tal-annimali; jenfasizza b'mod ulterjuri li r-reviżjonijiet huma meħtieġa biex iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u jagħmluha aktar faċli biex tiġi infurzata u biex jtejbu l-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA;

Or. de

Emenda 549
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40a. Jilqa' l-impenn imġedded tal-Kummissjoni li taġġorna l-leġiżlazzjoni relatata mat-trattament xieraq tal-annimali fl-azjendi agrikoli li ma għadhiex adattata u jfakkar li l-liġijiet fis-seħħ, speċifikament dwar it-trasport, it-tbiċċir, u l-akkomodazzjoni tat-tiġieġ tas-simna/il-ħnieżer/il-fniek huma inkonsistenti mal-evidenza xjentifika attwali dwar is-senzjenza u l-ħtiġiet tat-trattament xieraq tal-annimali; jenfasizza l-ħtieġa li r-reviżjonijiet jespandu l-kamp ta' applikazzjoni, itejbu l-infurzabbiltà, u jtejbu l-istandards tat-trattament xieraq f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA;

Or. en

Emenda 550
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi aktar ambitu orizzontalment permezz tal-politiki kollha tal-UE, inkluża l-leġiżlazzjoni ambjentali, għal soluzzjonijiet innovattivi li, fost affarijiet oħra, jistgħu jikkontribwixxu għall-ksib tal-miri tal-emissjonijiet;

Or. en

Emenda 551
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Trattament xieraq tal-annimali

Or. en

Emenda 552
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40b. Jilqa' l-miżuri kontinwi tal-Kummissjoni biex issegwi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ta' suċċess "End the Cage Age", u jħeġġeġ it-tneħħija gradwali formali tal-batteriji tal-gaġeġ għat-tiġieġ li jbid sal-2026, f'konformità mal-mandat tal-IĊE; jenfasizza, barra minn hekk, li s-

sistemi ta' gaġeġ għal speċijiet oħra, inklużi l-ħnieżer nisa u l-fniek, mhumiex adattati bl-istess mod għall-istandards xjentifiċi tat-trattament xieraq tal-annimali[30a]; jinsisti li l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi mhijiex biss kwistjoni ta' trattament xieraq u politika bbażata fuq ix-xjenza, iżda wkoll test fundamentali tal-integrità demokratika tal-UE, li jwettaq l-eżitu vinkolanti tal-proċessi tal-IĊE mmexxija miċ-ċittadini.

30a

https://www.efsa.europa.eu/en/news/efsa-alternatives-cages-recommended-improve-broiler-and-hen-welfare

Or. en

Emenda 553
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40b. Jilqa' l-miżuri li għaddejjin bħalissa tal-Kummissjoni intiżi biex jagħtu segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ta' suċċess "End the Cage Age" u jappella l-abolizzjoni tal-batteriji tal-gaġeġ għat-tiġieġ li jbid; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-fatt li s-sistemi ta' gaġeġ għal speċijiet oħra ta' annimali lanqas ma jikkonformaw mal-istandards xjentifiċi tat-trattament xieraq tal-annimali; jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi għalhekk tirrifletti r-rieda espliċita taċ-ċittadini Ewropej;

Or. de

Emenda 554

Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40a. Jilqa' l-impenn rilanċjat mill-ġdid tal-Kummissjoni li taġġorna l-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq fl-azjendi agrikoli; ifakkar fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End the cage age" (2021/2633(RSP)) u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi reviżjoni tad-Direttiva 98/58/KE bl-għan li jiġi eliminat gradwalment l-użu tal-gaġeġ fit-trobbija tal-annimali tal-UE, filwaqt li tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' eliminazzjoni gradwali sal-2027;

Or. en

Emenda 555
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	40b. Jappella għal proposta f'waqtha għal reviżjoni tar-Regolamenti dwar it-trattament xieraq u l-qtil tal-annimali fl-ażjendi agrikoli f'konformità mal-evidenza xjentifika dwar il-ħtiġijiet tat-trattament xieraq tal-annimali mrobbija fl-ażjendi agrikoli u f'konformità mal-opinjonijiet xjentifiċi tal-EFSA tal-2022;

Or. en

Emenda 556
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Id-dimensjoni soċjali tat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem u l-isfidi speċifiċi għas-settur	Id-dimensjoni soċjali ***u alimentari*** tat-trobbija tal-bhejjem u l-isfidi speċifiċi għas-settur

Or. fr

Emenda 557
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jisħaq li l-iżvilupp tal-politiki tal-bhejjem irid ikun ibbażat b'mod sod fuq l-oġħla standards xjentifiċi, filwaqt li jiżgura fehim ibbilanċjat u komprensiv tal-kontributi u l-isfidi assoċjati mal-agrikoltura tal-annimali;	41. Jisħaq li l-iżvilupp tal-politiki tal-bhejjem irid ikun ibbażat b'mod sod fuq l-oġħla standards xjentifiċi ***u etiċi***, filwaqt li jiżgura fehim ibbilanċjat u komprensiv tal-kontributi***, ir-riskji*** u l-isfidi assoċjati mal-agrikoltura tal-annimali;

Or. en

Emenda 558
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jissottolinja l-importanza ta' komunikazzjoni xjentifika trasparenti, aċċessibbli u bbażata fuq l-evidenza biex tiġi miġġielda l-miżinformazzjoni u l-preġudizzju ideoloġiku ***fid-dibattiti*** pubbliċi dwar il-bhejjem u l-konsum tal-laħam;	42. Jissottolinja l-importanza ta' komunikazzjoni xjentifika trasparenti, aċċessibbli u bbażata fuq l-evidenza biex tiġi miġġielda l-miżinformazzjoni u l-preġudizzju ideoloġiku ***li jaffettwa d-dibattiti*** pubbliċi dwar il-bhejjem u ***l-produzzjoni u*** l-konsum tal-laħam; ***jenfasizza li d-deċiżjonijiet politiċi u l-perċezzjonijiet soċjali għandhom ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika soda li tqis***

d-diversità tas-sistemi ta' produzzjoni, il-kontribut tagħhom għan-nutrizzjoni tal-bniedem, l-ekonomija rurali u s-sostenibbiltà ambjentali; iqis li huwa essenzjali li jissaħħaħ id-djalogu bejn ix-xjenza, dawk li jfasslu l-politika, il-produtturi u l-konsumaturi billi jiġi promoss approċċ infurmat, ekwilibrat u mhux polarizzat għar-rwol tat-trobbija tal-bhejjem fis-soċjetà Ewropea;

Or. pt

Emenda 559
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jissottolinja l-importanza ta' komunikazzjoni xjentifika trasparenti, aċċessibbli u bbażata fuq l-evidenza ***biex tiġi miġġielda l-miżinformazzjoni u l-preġudizzju ideoloġiku*** fid-dibattiti pubbliċi dwar il-bhejjem u l-konsum tal-laħam;	42. Jissottolinja l-importanza ta' komunikazzjoni xjentifika trasparenti, aċċessibbli u bbażata fuq l-evidenza fid-dibattiti pubbliċi dwar il-bhejjem u l-konsum tal-laħam; ***jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' dieti sostenibbli bbażati fuq il-pjanti, billi titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi dwar l-impatt tax-xejriet tal-konsum fuq is-saħħa pubblika, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u l-impronta ambjentali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;***

Or. en

Emenda 560
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jissottolinja l-importanza ta'	42. Jissottolinja l-importanza ta'

komunikazzjoni xjentifika trasparenti, aċċessibbli u bbażata fuq l-evidenza biex tiġi ***miġġielda l-miżinformazzjoni u l-preġudizzju ideoloġiku fid-dibattiti pubbliċi dwar il-bhejjem u l-konsum*** tal-laħam;	komunikazzjoni xjentifika trasparenti, aċċessibbli u bbażata fuq l-evidenza biex tiġi ***promossa immaġni aktar pożittiva tas-settur tal-bhejjem u biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar il-benefiċċji tal-konsum*** tal-laħam ***bħala parti minn dieta sħiħa u ekwilibrata***;

Or. en

Emenda 561
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42a. Ifakkar li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tirrakkomanda l-konsum, bħala parti minn dieta ekwilibrata u varjata, ta' proteini tal-annimali, essenzjali għall-aċidi amminiċi u n-nutrijenti tagħhom;

Or. fr

Emenda 562
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42b. jinnota li attwalment hemm għadd żgħir ta' biċċeriji kbar ikkonċentrati f'xi reġjuni fl-Ewropa; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa li jiġu appoġġjati, permezz ta' fondi tal-politika agrikola komuni (PAK), il-ħolqien u l-iżvilupp ta' biċċeriji biex tiġi stimulata l-ekonomija lokali, jinħolqu l-impjiegi, jissaħħu l-ktajjen tal-provvista qosra u jittejjeb it-trattament xieraq permezz tal-limitazzjoni fil-ħinijiet tat-

	trasport;

Or. fr

Emenda 563
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;	***imħassar***

Or. en

Emenda 564
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;	43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra; ***jitlob immedjatament li t-termini u l-ismijiet relatati mal-laħam u attwalment użati biex jiddeskrivu l-laħam u l-qatgħat tal-laħam ikunu riżervati esklussivament għall-partijiet tal-annimali tajbin għall-ikel; jirrifjuta***

jaċċetta li dawn it-termini u l-ismijiet jistgħu jintużaw għal prodotti bbażati fuq proteini veġetali jew prodotti derivati mill-kultura taċ-ċelloli;

Or. fr

Emenda 565
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra***;	43. Jistieden lill-Kummissjoni ***tintroduċi tikketta fil-livell tal-UE għall-prodotti bbażati fuq il-pjanti***;

Or. en

Emenda 566
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi ***l-prodotti tal-annimali***, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;	43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi ***d-denominazzjonijiet tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali milli jintużaw għat-tikkettjar ta' prodotti li mhux ġejjin mill-annimali***, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-

provvista qosra;

Or. pl

Emenda 567
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi ***l-prodotti tal-annimali***, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;	43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi ***d-denominazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali milli jintużaw għat-tikkettjar ta' prodotti li ma joriġinawx mill-annimali***, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;

Or. en

Emenda 568
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiftaħ mill-ġdid*** il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;	43. Jistieden lill-Kummissjoni ***tirregolamenta b' mod strett*** il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra; ***ifakkar li tali protezzjoni teżisti għall-prodotti tal-ħalib;***

Or. fr

Emenda 569
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali,*** tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi ***u tippromwovi l-kwalità*** tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;	43. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi ***dwar il-kwalità*** tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra; ***jinsisti fuq l-importanza li d-denominazzjonijiet ta' oriġini jibqgħu f'idejn il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-produtturi, ta' dak it-territorju;***

Or. en

Emenda 570
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam ***biex tipproteġi*** l-prodotti tal-annimali, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità ***tal-prodotti tal-annimali tal-UE***, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;	43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam ***sabiex tiżgura tikkettjar ċar u ekwu li jipproteġi*** l-prodotti tal-annimali ***tal-UE***, ***u b' hekk*** tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità ***tas-sorsi ta' proteini kollha fl-UE***, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;

Or. de

Emenda 571
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali, ***tipprovdi trasparenza reali*** għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;	43. Jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali, ***ittejjeb it-trasparenza*** għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra;

Or. en

Emenda 572
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiftaħ mill-ġdid il-kwistjoni tad-denominazzjonijiet tal-laħam biex tipproteġi l-prodotti tal-annimali, tipprovdi trasparenza reali għall-konsumaturi u tippromwovi l-kwalità tal-prodotti tal-annimali tal-UE, inkluż billi tenfasizza t-tikketti rikonoxxuti tagħhom u l-ktajjen tal-provvista qosra***;	43. Jistieden lill-Kummissjoni ***tirrispetta is-Sentenza tal-QĠUE fil-Kawża "Protéines France et", magħrufa wkoll bħala l-kawża "veggie burger ban", u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi tikeeta armonizzata għall-prodotti bbażati fuq il-pjanti***;

Or. en

Emenda 573
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	43a. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi sistema armonizzata u obbligatorja ta' tikkettar dwar il-metodu tal-produzzjoni u l-oriġini, li tipprovdi informazzjoni dwar il-metodi tal-biedja, tat-trasport u tal-qatla kif ukoll informazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali involuti, li tkopri l-istadji kollha tal-ħajja tal-annimal;

Or. en

Emenda 574
Stefan Köhler, Lena Düpont, Marion Walsmann, Norbert Lins, Christine Schneider

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	43a. Jirrimarka li hemm nuqqas ta' veterinarji tal-bhejjem f'ħafna reġjuni u jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tuża persunal imħarreġ biex jispezzjona l-laħam ħalli timminimizza l-impatt tan-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa fuq il-katina alimentari;

Or. de

Emenda 575
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ l-importanza nutrizzjonali,	44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ l-importanza nutrizzjonali,

kulturali u ekonomika tal-laħam, tal-ħalib u tal-bajd;

kulturali u ekonomika tal-laħam, tal-ħalib u tal-bajd ***u filwaqt li jirriflettu l-kunsens xjentifiku li qed jikber u x-xejriet tas-saħħa pubblika lejn dieti aktar ibbażati fuq il-pjanti għal raġunijiet ta' sostenibbiltà u ta' saħħa***;

Or. de

Emenda 576
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ l-importanza nutrizzjonali, kulturali u ekonomika tal-laħam, tal-ħalib u tal-bajd;	44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ l-importanza nutrizzjonali, kulturali u ekonomika tal-laħam, tal-ħalib u tal-bajd ***u l-ħtieġa li l-linji gwida dwar l-ikel iqisu l-aċċessibbiltà ekonomika u l-konsum reali ta' proteini tal-prodotti tal-annimali f'reġjuni differenti***;

Or. ro

Emenda 577
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ ***l-importanza*** nutrizzjonali, kulturali ***u ekonomika tal-laħam, tal-ħalib u tal-bajd***;	44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ ***il-valuri*** nutrizzjonali, ***u jwarrbu kwalunkwe kumment*** kulturali ***jew ekonomiku biex jiggarantixxu allinjament ma' kriterji xjentifiċi u kriterji oġġettivi***

relatati mas-saħħa;

Or. en

Emenda 578
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ l-importanza nutrizzjonali***,*** ***kulturali u ekonomika*** tal-laħam, tal-ħalib u tal-bajd;	44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ l-importanza nutrizzjonali ***tal-ikel ibbażat fuq il-pjanti[1a],*** tal-laħam, tal-ħalib u tal-bajd;
	[1a] Plant-based diets and their impact on health, sustainability and the environment: a review of the evidence (Dieti bbażati fuq il-pjanti u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa, is-sostenibbiltà u l-ambjent: reviżjoni tal-evidenza) Uffiċċju Ewropew tad-WHO għall-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Mard li ma jittieħidx Kopenħagen: Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa; 2021. Liċenzja: CC BY-NC-SA 3.0 IGO

Or. en

Emenda 579
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards	44. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex iżommu standards

ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ ***l-importanza nutrizzjonali, kulturali u ekonomika*** tal-laħam, tal-ħalib u tal-bajd;	ibbażati fuq l-evidenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar id-dieta, filwaqt li jirrikonoxxu bis-sħiħ ***ir-riskji għas-saħħa u dawk ekoloġiċi*** tal-laħam, tal-ħalib u tal-bajd;

Or. en

Emenda 580
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jistieden lill-Kummissjoni tirriforma r-regolamentazzjoni dwar it-tikkettar tal-ikel sabiex issaħħaħ ir-rekwiżiti fil-qasam tat-tikkettar tal-oriġini ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, speċjalment billi tintroduċi indikazzjoni obbligatorja tal-oriġini tal-laħam, b'mod partikolari meta jintuża bħala ingredjent fi prodotti pproċessati, kemm jekk għall-konsum fid-dar kif ukoll jekk barra mid-dar;

Or. fr

Emenda 581
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali;	***imħassar***

Or. de

Emenda 582
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 583
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali;	45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali***, li ma joffrux l-istess komposti bijoattivi jew mikronutrijenti essenzjali misjuba f'laħam naturali minn annimali b'saħħithom imrobbija f'sistemi ta' kwalità,*** bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali;

Or. ro

Emenda 584
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Iwissi kontra l-promozzjoni ***mhux kritika*** ta' sostituti tal-ikel ***inadegwati mil-lat nutrizzjonali*** bħala ***sostituzzjonijiet***	45. iwissi kontra l-promozzjoni ***indiskriminata*** ta' sostituti tal-ikel ***nutrizzjonalment mhux xierqa*** bħala

għal ikel tradizzjonali li ***ġej*** mill-annimali;

sostituti għal ikel tradizzjonali li ***joriġina*** mill-annimali***, aħseb u ara li tali prodotti jitħallew ikunu parti mill-basket ta' provvisti għat-tfal u l-adolexxenti taħt il-Programm tal-Iskejjel tal-UE***;

Or. pl

Emenda 585
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali;	45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali; ***jistieden lill-Kummissjoni Ewropea taħdem ma' speċjalisti biex tippreżenta studji dwar l-effetti tas-sostituti tal-ikel.***

Or. ro

Emenda 586
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. ***Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal*** ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali;	45. ***Huwa tal-opinjoni li ikel ekwilibrat sew ibbażat fuq il-pjanti ma'*** ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali ***jikkontribwixxu għal dieta ekwilibrata u nutrittiva li tipprovdu sors ta' nutrijenti essenzjali, bħal proteini, vitamini, minerali, fibra u antiossidanti ta' kwalità għolja***;

Or. en

Emenda 587
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali***;**	45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali ***speċjalment l-inklużjoni tagħhom fil-basktijiet tal-ikel ipprovduti lit-tfal u lill-adolexxenti fil-qafas tal-Programm tal-Iskejjel tal-UE***

Or. en

Emenda 588
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' ***sostituti tal-ikel inadegwati*** mil-lat nutrizzjonali ***bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej*** mill-annimali;	45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' ***kwalunkwe ikel mhux adegwat*** mil-lat nutrizzjonali***, kemm jekk joriġina mill-pjanti kif ukoll jekk joriġina*** mill-annimali***, inkluż il-laħam aħmar u pproċessat, li ġie sinjalat bħala karċinoġeniku (Grupp 2A u Grupp 1, rispettivament) mid-WHO***;

Or. en

Emenda 589
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux ***kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali*** li ġej mill-annimali;	45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux ***xjentifika li l-ikel*** li ġej mill-annimali ***jkun "naturali", filwaqt li jkun ġie prodott bl-użu ta' medikazzjoni, sostituti u teknoloġiji artifiċjali***;

Or. en

Emenda 590
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali;	45. Iwissi kontra l-promozzjoni mhux kritika ta' sostituti tal-ikel inadegwati mil-lat nutrizzjonali ***u ambjentali*** bħala sostituzzjonijiet għal ikel tradizzjonali li ġej mill-annimali;

Or. es

Emenda 591
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jitlob li ***l-metodu xjentifiku, ir-riċerka rigoruża riveduta bejn il-pari, u l-evalwazzjoni trasparenti tal-evidenza jibqgħu l-pedamenti tal-iżvilupp tal-politika dwar l-ikel***;	46. Jitlob li ***l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt komprensiva bbażata fuq l-aħħar evidenza xjentifika u konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha qabel ma tippreżenta proposti leġiżlattivi ġodda li jaffettwaw is-settur agrikolu***;

Or. en

Emenda 592

Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura ċellulari bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali bħalissa għadhom lura; iwissi kontra l-promozzjoni żejda tiegħu bħala soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent u tas-suq; jenfasizza r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent;	***imħassar***

Or. de

Emenda 593
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza li ***l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata*** l-agrikoltura ċellulari ***bħala*** alternattiva ***vijabbli*** għat-trobbija ***intensiva*** tal-bhejjem ***tradizzjonali bħalissa għadhom lura***; ***iwissi kontra l-promozzjoni żejda tiegħu bħala soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent u tas-suq; jenfasizza r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti***	47. Jenfasizza li ***l-ikel ibbażat fuq il-pjanti huwa l-aktar ikel tajjeb għas-saħħa, etiku u ekoloġiku, u li*** l-agrikoltura ċellulari ***tista' tkun ukoll*** alternattiva għat-trobbija tal-bhejjem ***fil-futur***;

u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent;

Or. en

Emenda 594
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza ***li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura*** ċellulari ***bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali bħalissa għadhom lura***; iwissi kontra l-promozzjoni żejda tiegħu bħala soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent u tas-suq; jenfasizza r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent;	47. jenfasizza ***n-nuqqas ta' studji mediċi (prekliniċi u kliniċi) dwar l-ikel*** ċellulari ***għal finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin u dwar il-konsegwenzi ta' dawn il-prodotti fuq il-ġisem tal-bniedem fuq perjodu ta' żmien medju u twil: sal-lum, ma hemm l-ebda evidenza jew data xjentifika speċifika li tista' tikkonferma li dawn il-prodotti ma jagħmlux ħsara lis-saħħa tal-bniedem, filwaqt li diversi riċerki xjentifiċi jenfasizzaw il-ħtieġa ta' aktar investigazzjoni***; iwissi kontra l-promozzjoni żejda tiegħu bħala soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent u tas-suq; jenfasizza r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent; ***xx Ong KJ, Johnston J, Datar***

Or. it

Emenda 595

David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura ċellulari bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali bħalissa għadhom lura; ***iwissi kontra l-promozzjoni żejda tiegħu bħala soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza*** l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent u tas-suq; ***jenfasizza r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali, u*** jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent;	47. Jenfasizza li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura ċellulari bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali bħalissa għadhom lura; ***jisħaq fuq*** l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent u tas-suq; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent;

Or. en

Emenda 596
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura ċellulari bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali ***bħalissa għadhom lura; iwissi kontra l-promozzjoni żejda tiegħu bħala*** soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent ***u tas-suq***; ***jenfasizza***	47. Jenfasizza li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura ċellulari bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali ***qed jagħmlu progress; jieħu nota li din tista' tkun*** soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa

r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent;

regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent;

Or. en

Emenda 597
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura ċellulari bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali bħalissa għadhom lura; iwissi kontra l-promozzjoni żejda tiegħu bħala soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent u tas-suq; jenfasizza r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent;	47. Jenfasizza li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura ċellulari bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali bħalissa għadhom lura; iwissi kontra l-promozzjoni żejda tiegħu bħala soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza l-importanza ta' valutazzjonijiet rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent u tas-suq; jenfasizza r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent; ***b'mod partikolari permezz ta' tikkettar ċar u xieraq;***

Or. fr

Emenda 598
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
47. Jenfasizza li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura ċellulari bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali bħalissa għadhom lura; ***iwissi kontra l-promozzjoni żejda tiegħu bħala soluzzjoni għall-isfidi globali tal-ikel u jenfasizza l-importanza ta'*** valutazzjonijiet ***rigoruż tas-sikurezza, tal-ambjent u tas-suq***; jenfasizza r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali***, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-oqfsa regolatorji għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti jkunu trasparenti u bbażati fuq l-evidenza u jipproteġu kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ambjent***;	47. Jenfasizza li l-evidenza xjentifika, l-iskalabbiltà tal-produzzjoni u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-agrikoltura ċellulari bħala alternattiva vijabbli għat-trobbija intensiva tal-bhejjem tradizzjonali bħalissa għadhom lura; ***jissottolinja l-ħtieġa li jitwettqu*** valutazzjonijiet ***tal-impatt xierqa bbażati fuq evidenza xjentifika u li jqisu l-aspetti kollha relatati mas-sikurezza, mal-ambjent, mas-suq u mal-protezzjoni tal-konsumaturi qabel ma jiġi propost kwalunkwe qafas regolatorju ġdid għat-teknoloġiji tal-ikel emerġenti***; jenfasizza r-rwol ekoloġiku tar-ruminanti u l-valur nutrittiv tal-laħam naturali;

Or. en

Emenda 599
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 47a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	47a. Jesprimi tħassib serju dwar l-isforz dejjem akbar biex jiġi promoss l-ikel sintetiku, bħall-proteini mkabbra fil-laboratorju, mingħajr ma jkun hemm evidenza xjentifika konklużiva dwar is-sikurezza, il-vijabbiltà industrijali u l-benefiċċji ambjentali tiegħu; jisħaq li l-produzzjoni tal-ikel sintetiku tiddependi ħafna fuq proċessi li huma industrijalizzati ħafna, intensivi fl-enerġija u jirrikjedu livelli sinifikanti ta' inputs kimiċi, u dan imur kontra l-prinċipji ta' sostenibbiltà rrakkomandati mill-UE; jindika li, sal-lum, l-ikel sintetiku la kien soluzzjoni vijabbli u

lanqas alternattiva sikura għall-agrikoltura tradizzjonali u l-produzzjoni tal-bhejjem, u li l-promozzjoni tiegħu tista' tipperikola eluf ta' azjendi agrikoli tal-familja, b'mod partikolari f'żoni rurali u żvantaġġjati; jistieden lill-Kummissjoni ma tippromwovix jew ma tappoġġjax teknoloġiji tal-ikel emerġenti li ma jkunux għaddew b'suċċess minn valutazzjonijiet rigoruż u indipendenti tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa, fuq l-ambjent u fuq l-impatt soċjoekonomiku; jitlob li l-oqfsa regolatorji fis-seħħ ikunu ffukati b'mod ċar fuq il-protezzjoni tal-konsumaturi, tal-produtturi Ewropej u taż-żoni rurali;

Or. es

Emenda 600
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur tal-bhejjem fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;	48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur ***tat-trobbija*** tal-bhejjem ***estensiva jew imħallta - b'mod partikolari l-biedja riġenerattiva, agroekoloġika u organika, kif ukoll ir-ragħa, it-transumanza staġjonali u r-ragħa fil-foresta - fir-ragħa estensiv ta' żoni ta' konservazzjoni tan-natura, filwaqt li l-pajsaġġ jinżamm aċċessibbli u tinżamm il-bijodiversità u*** fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi

fiż-żoni rurali” fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;

Or. de

Emenda 601
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur tal-bhejjem fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b’mod partikolari f’reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f’sens wiesa’ mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti ***u*** għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar “Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali” fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;	48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur tal-bhejjem fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b’mod partikolari f’reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f’sens wiesa’ mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti***,*** għall-iżvilupp rurali***, u għall-innovazzjoni, inkluża l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali***; jissottolinja ***l-kontribut tas-settur għar-reżiljenza klimatika u l-isforzi ta' mitigazzjoni, kif ukoll l-importanza tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-involviment taż-żgħażagħ biex jiġi żgurat futur sostenibbli u inklużiv. Jenfasizza*** l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar “Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali” fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;

Or. en

Emenda 602

Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur tal-bhejjem fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;	48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur tal-bhejjem fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali; ***jenfasizza wkoll li mingħajr finanzjament adegwat, is-settur se jsir dejjem aktar anqas attraenti għaż-żgħażagħ, bir-riskju mhux biss ta' telf ta' impjiegi iżda wkoll ta' tnaqqis fil-kompetittività nutrizzjonali u soċjali tal-UE fil-kuntest globali;***

Or. ro

Emenda 603
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jisħaq fuq ir-rwol ***essenzjali*** tas-settur tal-bhejjem ***fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika*** madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni	48. Jisħaq fuq ir-rwol tas-settur tal-bhejjem madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala

remoti, muntanjuži u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala ***muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali***;

fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala ***mutur għat-telf tal-biodiversità, tal-mard żoonotiku, ta' problemi etiċi u ta' avvenimenti ta' temp estrem dejjem jiżdiedu minħabba t-tibdil fil-klima***;

Or. en

Emenda 604
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur tal-bhejjem fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjuži u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;	48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur tal-bhejjem fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi***, iż-żamma u l-promozzjoni tal-lokaliżmu*** u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjuži u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali; ***iħeġġeġ l-iżvilupp ta' preferenza nazzjonali fis-sejħiet għall-offerti u għall-kuntratti pubbliċi sabiex jiġu promossi ċ-***

ċirkwiti qosra u l-produzzjoni lokali;

Or. fr

Emenda 605
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali ***tas-settur*** tal-bhejjem ***fl-iżgurar tas-sigurtà*** tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;	48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali ***ta' settur tat-trobbija*** tal-bhejjem ***sostenibbli li jikkontribwixxi għas-sigurtà*** tal-ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;

Or. en

Emenda 606
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur tal-bhejjem fl-iżgurar tas-sigurtà tal-	48. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tas-settur tal-bhejjem fl-iżgurar tas-sigurtà tal-

ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;	ikel, il-ħolqien tal-impjiegi u l-istabbiltà ekonomika madwar l-UE, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli bħal żoni remoti, muntanjużi***, fil-fruntiera*** u ultraperiferiċi; jirrikonoxxi l-bhejjem f'sens wiesa' mhux biss bħala fornituri tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala muturi għar-responsabbiltà soċjali, għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-iżvilupp rurali; jissottolinja l-importanza tal-indikatur tar-riżultati tal-PAK (I.24) dwar "Kontribut għall-impjiegi fiż-żoni rurali" fl-iffokar tal-attenzjoni fuq ir-rwol tat-trobbija intensiva tal-bhejjem, speċjalment l-azjendi mmexxija mill-familji u dawk fuq skala żgħira, fil-preservazzjoni tal-impjiegi lokali;
	Or. en

Emenda 607
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	48a. Jenfasizza li x-xejra ġenerali li tikkaratterizza l-industrija tal-ipproċessar tal-laħam madwar l-UE hija waħda li dejjem aktar qed tikkonċentra fuq il-kumpaniji l-kbar u l-produzzjoni tal-massa; jinnota li din il-konċentrazzjoni kienet ikkaratterizzata minn tħassib dwar is-sikurezza tal-ikel u l-benesseri tal-annimali[1a], it-tneħħija tal-ħiliet u kundizzjonijiet tax-xogħol aktar ibsin b'kompitu ta' xogħol aktar ripetittiv u perikoluż għall-ħaddiema, diffikultajiet għall-bdiewa biex jaċċessaw biċċeriji lokali li jirrispondu għad-domandi speċifiċi tagħhom, b'mod partikolari għall-bdiewa organiċi, u trasport dejjem aktar fit-tul għal annimali ħajjin tar-razzett; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw u jappoġġjaw

finanzjarjament inizjattivi ta' tagħmir lokali u kollettiv, biċċeriji u unitajiet ta' pproċessar lokali, u soluzzjonijiet adatti għal azjendi agrikoli żgħar bħal biċċeriji mobbli;

[1a] EFSA, 2020, Welfare of cattle at slaughter (Il-benesseri tal-bhejjem tal-ifrat għat-tbiċċir)

Or. en

Emenda 608
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	48a. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tal-agrikoltura u l-produzzjoni tal-bhejjem fl-għoti ta' benefiċċji soċjali lill-komunitajiet f'termini taż-żamma ta' spazju miftuħ, edukazzjoni, u għoti ta' kura għal persuni bi ħtiġijiet speċifiċi fil-forma ta' "kura ekoloġika" fl-azjenda agrikola. Jenfasizza l-ħtieġa li jinżammu l-agrikoltura u l-produzzjoni tal-bhejjem fir-reġjuni kollha tal-UE u li jiġu ffaċilitati speċifikament dawn il-forom ta' "Kura ekoloġika" u li l-bdiewa jiġu remunerati biżżejjed għax-xogħol tagħhom;

Or. en

Emenda 609
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

48a. Jisħaq fuq l-importanza tas-saħħa mentali u tal-benesseri tal-bdiewa, u jitlob l-inklużjoni, fi strumenti futuri tal-PAK, ta' miżuri ta' appoġġ psikoloġiku, simplifikazzjoni amministrattiva, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u miżuri biex jiġi miġġieled l-iżolament ;

Or. fr

Emenda 610
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	48a. jistieden lill-Kummissjoni tinkludi indikaturi tal-prestazzjoni għall-kwalità tal-bhejjem fil-valutazzjonijiet futuri tal-PAK, li jirriflettu l-kontribut tal-bhejjem għas-sigurtà tal-ikel, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-vijabbiltà soċjoekonomika fiż-żoni rurali;

Or. ro

Emenda 611
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-mard tal-annimali	***Is-saħħa*** tal-annimali

Or. en

Emenda 612
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 48a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	48a. Jistieden lill-Kummissjoni tallinja bis-shiħ ir-riformi tat-trobbija tal-annimali mal-istrateġija tagħha "Saħħa Waħda", filwaqt li tasserixxi li s-saħħa tal-bniedem hija marbuta mas-saħħa tal-annimali u bil-għan li tipprevjeni kriżijiet tas-saħħa u tintegra s-saħħa f'approċċ fit-tul li jirrispetta l-bilanċi ekoloġiċi;

Or. en

Emenda 613
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jisħaq li l-mard tal-annimali għandu konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti fil-livell tal-azjendi agrikoli, sottonazzjonali, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza li l-impatt tiegħu fuq il-produzzjoni tal-bhejjem se jkompli jiġi aggravat miż-żieda fit-temperaturi u fil-veloċitajiet tar-riħ, li jridu jiġu indirizzati;	49. Jisħaq li l-mard tal-annimali għandu konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti fil-livell tal-azjendi agrikoli, sottonazzjonali, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza li l-impatt tiegħu fuq il-produzzjoni tal-bhejjem se jkompli jiġi aggravat miż-żieda fit-temperaturi u fil-veloċitajiet tar-riħ, li jridu jiġu indirizzati***, u li r-reżiljenza tal-annimali għall-istress tal-klima trid tiġi appoġġjata permezz ta' riċerka mmirata lejn l-adattabbiltà u l-prevenzjoni***;

Or. ro

Emenda 614
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jisħaq li l-mard tal-annimali għandu konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti fil-livell tal-azjendi agrikoli, sottonazzjonali, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza li l-impatt tiegħu fuq il-produzzjoni tal-bhejjem se jkompli jiġi aggravat miż-żieda fit-temperaturi ***u fil-veloċitajiet tar-riħ***, li jridu jiġu indirizzati;	49. Jisħaq li l-mard tal-annimali għandu konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti fil-livell tal-azjendi agrikoli, sottonazzjonali, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza li l-impatt tiegħu fuq il-produzzjoni tal-bhejjem se jkompli jiġi aggravat ***mit-tibdil fil-klima[1a] , b'mod partikolari*** miż-żieda fit-temperaturi***, mill-għargħar, min-nixfiet u minn avvenimenti ta' temp estrem u volatili***, li jridu jiġu indirizzati;
	[1a] Skont iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), "l-intensità u l-frekwenza tal-irwiefen mhumiex mistennija li jiżdiedu b'mod sinifikanti fl-UE u fir-Renju Unit bit-tibdil fil-klima" (Ċentru Konġunt tar-Riċerka, PESETA IV, https://joint-research-centre.ec.europa.eu/document/download/65f7ee3c-bcd6-426c-aa65-66dc595b668a_en?filename=13_pesetaiv_windstorms_sc_august2020_en.pdf)
	Or. en

Emenda 615
Cristina Maestre, Dario Nardella, Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jisħaq li l-mard tal-annimali għandu konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti fil-livell tal-azjendi agrikoli, sottonazzjonali, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza li l-impatt tiegħu fuq il-produzzjoni tal-bhejjem se jkompli jiġi aggravat miż-żieda fit-temperaturi u fil-veloċitajiet tar-riħ, li jridu jiġu indirizzati;	49. Jisħaq li l-mard tal-annimali għandu konsegwenzi soċjoekonomiċi ***u ambjentali*** sinifikanti fil-livell tal-azjendi agrikoli, sottonazzjonali, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza li l-impatt tiegħu fuq il-produzzjoni tal-bhejjem se jkompli jiġi aggravat miż-żieda fit-temperaturi u fil-veloċitajiet tar-riħ, li jridu jiġu indirizzati;
	Or. en

Emenda 616
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Michal Wiezik, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
49. Jisħaq li l-mard tal-annimali għandu konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti fil-livell tal-azjendi agrikoli, sottonazzjonali, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza li l-impatt tiegħu fuq il-produzzjoni tal-bhejjem ***se jkompli jiġi*** aggravat ***miż-żieda fit-temperaturi u fil-veloċitajiet tar-riħ, li jridu jiġu indirizzati***;	49. Jisħaq li l-mard tal-annimali għandu konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti fil-livell tal-azjendi agrikoli, sottonazzjonali, nazzjonali u reġjonali; jenfasizza li l-impatt tiegħu fuq il-produzzjoni tal-bhejjem ***huwa*** aggravat ***aktar bit-tibdil fil-klima u biż-żieda tal-avvenimenti ta' temp estrem frekwenti fl-UE***;

Or. en

Emenda 617
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49a. Jappella għal valutazzjoni sistematika tal-vulnerabbiltajiet tal-bijosikurezza fl-UE, b'enfasi fuq il-perkorsi ta' dħul għal mard magħruf u ġdid; jenfasizza xenarji ta' riskju speċifiċi bħall-importazzjoni tat-tiben użat bħala iżolament, li aktar tard jista' jidħol fil-ktajjen tal-produzzjoni tal-annimali u l-għalf ta' prodotti tal-laħam importati għall-annimali domestiċi, li jistgħu jintroduċu mill-ġdid mard bħall-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew il-marda ta' Aujeszky f'żoni attwalment ħielsa mill-mard;

Or. en

Emenda 618
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 49a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	49a. Jisħaq li t-tifqigħat tal-mard tal-annimali għandhom konsegwenzi diżastruż fuq il-benesseri tal-annimali, tal-bdiewa u tar-residenti lokali; jisħaq li s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali trid tipprevali f'kull ħin u li huwa meħtieġ tnaqqis drastiku fir-rigward tat-trobbija intensiva tal-bhejjem għal dak il-għan;

Or. en

Emenda 619
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
50. Jisħaq li, fl-UE, kwalunkwe nuqqas ta' prevenzjoni jew kontroll tal-mard tal-annimali fi Stat Membru wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet immedjati fuq l-oħrajn, u jirrikjedi rispons koordinat; jenfasizza, għalhekk, l-importanza u l-kosteffettività tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-tħejjija;	50. Jisħaq li, fl-UE, kwalunkwe nuqqas ta' prevenzjoni jew kontroll tal-mard tal-annimali fi Stat Membru wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet immedjati fuq l-oħrajn, u jirrikjedi rispons koordinat; jenfasizza, għalhekk, l-importanza u l-kosteffettività tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-tħejjija; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' programmi effettivi u effiċjenti ta' prevenzjoni u ta' kontroll, inkluż appoġġ finanzjarju, veterinarju, tekniku u amministrattiv.***

Or. en

Emenda 620
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
50. Jisħaq li, fl-UE, kwalunkwe nuqqas ta' prevenzjoni jew kontroll tal-mard tal-annimali fi Stat Membru wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet immedjati fuq l-oħrajn, u jirrikjedi rispons koordinat; jenfasizza, għalhekk, l-importanza u l-kosteffettività tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-tħejjija***;**	50. Jisħaq li, fl-UE, kwalunkwe nuqqas ta' prevenzjoni jew kontroll tal-mard tal-annimali fi Stat Membru wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet immedjati fuq l-oħrajn, u jirrikjedi rispons koordinat; jenfasizza, għalhekk, l-importanza u l-kosteffettività tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-tħejjija ***u joħloq strumenti ta' kumpens ekonomiku għall-bdiewa li jrabbu l-bhejjem li jsofru ħsara diretta u indiretta bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' miżuri tas-saħħa***

Or. it

Emenda 621
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Michal Wiezik, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
50. Jisħaq li, fl-UE, kwalunkwe nuqqas ta' prevenzjoni jew kontroll tal-mard tal-annimali fi Stat Membru wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet immedjati fuq l-oħrajn, u jirrikjedi rispons koordinat; jenfasizza, għalhekk, l-importanza u l-kosteffettività tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-tħejjija;	50. Jisħaq li, fl-UE, kwalunkwe nuqqas ta' prevenzjoni jew kontroll tal-mard tal-annimali fi Stat Membru wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet immedjati fuq l-oħrajn, u jirrikjedi rispons koordinat; jenfasizza, għalhekk, l-importanza u l-kosteffettività tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-tħejjija***,** ***skambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni xieraq bejn l-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 622
Cristina Maestre, Dario Nardella, Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
50. Jisħaq li, fl-UE, kwalunkwe nuqqas ta' prevenzjoni jew kontroll tal-mard tal-annimali fi Stat Membru wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet immedjati fuq l-oħrajn, u jirrikjedi rispons koordinat; jenfasizza, għalhekk, l-importanza u l-kosteffettività tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-tħejjija;	50. Jisħaq li, fl-UE, kwalunkwe nuqqas ta' prevenzjoni jew kontroll tal-mard tal-annimali fi Stat Membru wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet immedjati fuq l-oħrajn, u jirrikjedi rispons koordinat ***b'mod partikolari rigward it-tilqim***; jenfasizza, għalhekk, l-importanza u l-kosteffettività tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-tħejjija;

Or. en

Emenda 623
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Michal Wiezik, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	50a. Jisħaq fuq l-importanza li jittieħdu azzjonijiet f'waqthom u effettivi biex jiġi kkontrollat it-tixrid tal-mard tal-annimali; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ddedikat ta' twissija u ta' rispons rapidi li għandu jiġi attivat f'każ ta' tifqigħa suspettata jew ikkonfermata ta' mard tal-annimali biex jiġi żgurat skambju f'ħin reali ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika, biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' kontroll bejn l-Istati Membri u tiġi żgurata komunikazzjoni adegwata lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha b'mod partikolari l-bdiewa u l-konsumaturi;

Or. en

Emenda 624
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	50a. jitlob li jkun hemm aktar finanzjament għall-mard tal-annimali fl-ambitu tal-Programm tas-Suq Uniku sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jiġu kkumpensati u sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti miżuri ta' prevenzjoni u kontroll aktar effettivi, speċjalment għall-mard emerġenti u emerġenti mill-ġdid tal-annimali, inkluż sabiex tiġi appoġġjata r-riċerka dwar l-għażla ġenetika tal-annimali b'reżistenza akbar għall-mard emerġenti, u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq trattamenti kurattivi għaljin;

Or. ro

Emenda 625
Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 50a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	50a. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal monitoraġġ imsaħħaħ u miżuri preventivi biex tiġi evitata t-trażmissjoni ta' mard tal-annimali minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni Ewropea.[1a]
	[1a] Fid-dawl tat-tifqigħat reċenti bħall-bruċelloża fil-Belarussja, huwa essenzjali li jiġu żgurati kontrolli robusti fil-fruntieri tal-UE. Dan jinkludi kontrolli veterinarji obbligatorji, mekkaniżmi ta' traċċabbiltà,

u kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien biex jitħarsu l-istandards għoljin tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali u dwar is-sikurezza tal-ikel.

Or. en

Emenda 626
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
51. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati għodod dijanjostiċi avvanzati, mudelli ta' tbassir u tekniki ta' dekontaminazzjoni; jitlob li jiġu introdotti standards stretti tas-saħħa tal-annimali fil-livell tal-UE biex tiġi ssalvagwardjata t-trobbija tal-bhejjem, inklużi dispożizzjonijiet għat-tnaqqis jew l-esklużjoni ta' popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi li joħolqu riskji ta' mard infettiv u għat-tilqim immirat tal-annimali fejn ikun meħtieġ;	51. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati għodod dijanjostiċi avvanzati, mudelli ta' tbassir u tekniki ta' dekontaminazzjoni; jitlob li jiġu introdotti standards stretti tas-saħħa tal-annimali fil-livell tal-UE biex tiġi ssalvagwardjata t-trobbija tal-bhejjem, inklużi dispożizzjonijiet għat-tnaqqis jew l-esklużjoni ta' popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi li joħolqu riskji ta' mard infettiv u għat-tilqim immirat tal-annimali fejn ikun meħtieġ***, biex jikkomplementaw l-għażla u t-trobbija responsabbli tal-bhejjem, li jistgħu jgħinu biex inaqqsu l-inċidenza ta' mard endemiku u emerġenti***;

Or. ro

Emenda 627
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
51. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati għodod dijanjostiċi avvanzati, mudelli ta' tbassir u tekniki ta' dekontaminazzjoni; jitlob li ***jiġu introdotti***	51. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati għodod dijanjostiċi avvanzati, mudelli ta' tbassir u tekniki ta' dekontaminazzjoni; jitlob li ***l-Kummissjoni***

standards stretti tas-saħħa tal-annimali fil-livell tal-UE biex tiġi ssalvagwardjata t-trobbija tal-bhejjem, inklużi dispożizzjonijiet għat-tnaqqis jew l-esklużjoni ta' popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi li joħolqu riskji ta' mard infettiv u għat-tilqim immirat tal-annimali fejn ikun meħtieġ;	***tikkunsidra tintroduċi*** standards stretti tas-saħħa tal-annimali fil-livell tal-UE biex tiġi ssalvagwardjata t-trobbija tal-bhejjem, inklużi ***fejn xieraq u strettament ikkontrollat u bil-provi u bid-dokumentazzjoni xjentifiċi,*** dispożizzjonijiet għat-tnaqqis jew l-esklużjoni ta' popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi li joħolqu riskji ta' mard infettiv u għat-tilqim immirat tal-annimali fejn ikun meħtieġ;
	Or. en

Emenda 628
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
51. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati għodod dijanjostiċi avvanzati, mudelli ta' tbassir u tekniki ta' dekontaminazzjoni; jitlob li jiġu introdotti standards stretti tas-saħħa tal-annimali fil-livell tal-UE biex tiġi ssalvagwardjata t-trobbija tal-bhejjem, inklużi ***dispożizzjonijiet għat-tnaqqis jew l-esklużjoni ta' popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi li joħolqu riskji ta' mard infettiv u għat-tilqim*** immirat tal-annimali ***fejn ikun meħtieġ***;	51. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati għodod dijanjostiċi avvanzati, mudelli ta' tbassir u tekniki ta' dekontaminazzjoni; jitlob li jiġu introdotti standards stretti tas-saħħa tal-annimali fil-livell tal-UE biex tiġi ssalvagwardjata t-trobbija tal-bhejjem, inklużi ***t-tilqim*** immirat tal-annimali***, u t-tnaqqis tan-numru tal-bhejjem***;
	Or. en

Emenda 629
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
51. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu	51. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu

żviluppati għodod dijanjostiċi avvanzati, mudelli ta' tbassir u tekniki ta' dekontaminazzjoni; jitlob li jiġu introdotti standards ***stretti*** tas-saħħa tal-annimali fil-livell tal-UE biex tiġi ssalvagwardjata t-trobbija tal-bhejjem, inklużi dispożizzjonijiet għat-tnaqqis jew l-esklużjoni ta' popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi li joħolqu riskji ta' mard infettiv u għat-tilqim immirat tal-annimali fejn ikun meħtieġ;	żviluppati għodod dijanjostiċi avvanzati, mudelli ta' tbassir u tekniki ta' dekontaminazzjoni; jitlob li jiġu introdotti standards tas-saħħa tal-annimali fil-livell tal-UE biex tiġi ssalvagwardjata t-trobbija tal-bhejjem, inklużi dispożizzjonijiet għat-tnaqqis jew l-esklużjoni ta' popolazzjonijiet ta' annimali selvaġġi ***u/jew ta' annimali predaturi*** li joħolqu riskji ta' mard infettiv u għat-tilqim immirat tal-annimali fejn ikun meħtieġ;

Or. it

Emenda 630
Cristina Maestre, Dario Nardella, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	51a. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol tas-settur mediċinali veterinarju u tappoġġjah fl-isforzi tagħha biex iġġib il-bijoteknoloġiji mil-laboratorju għall-fabbrika u mbagħad fl-azjenda agrikola, billi taċċellera u tissimplifika l-proċessi regolatorji, tiffinanzja u żżid il-bijoteknoloġiji tas-saħħa tal-annimali, tinforma lill-bdiewa u lill-pubbliku ġenerali dwar il-benefiċċji tagħhom, ittejjeb il-ħiliet u tħarreġ mill-ġdid il-forza tax-xogħol, u tappoġġja l-ġbir tad-data u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fl-azjenda agrikola u fis-settur tas-saħħa tal-annimali;

Or. en

Emenda 631
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 51a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	51a. Jesprimi tħassib dwar in-nuqqas attwali ta' veterinarji fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fiż-żoni rurali; jisħaq li jeħtieġ li jiġu allokati fondi biex jappoġġjaw il-ħidma u l-installazzjoni ta' dawn il-professjonisti, li mingħajrhom se jkun impossibbli li jiġi miġġieled il-mard tal-annimali u jiġi ggarantit il-benesseri tal-annimali;

Or. fr

Emenda 632
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 52a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	52a. Jenfasizza li fl-2023 l-UE laħqet nofs il-mira ta' tnaqqis ta' 50 % tal-bejgħ tal-antimikrobiċi fil-mediċina veterinarja u tal-użu tagħhom; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitkomplew dawn l-isforzi u li jiġi żviluppat approċċ ikkoordinat tal-UE dwar il-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-mard tal-annimali b'miżuri ta' monitoraġġ bikri, tilqim u bijosigurtà biex tiġi evitata żieda fil-mard tal-annimali li tista' timmina l-kisba tal-mira ta' tnaqqis tal-bejgħ tal-antimikrobiċi u tal-użu tagħhom;

Or. en

Emenda 633
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' finanzjament addizzjonali;	53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; ***jenfasizza li l-miżuri ta' tilqim iridu jiġu kkombinati ma' programmi ta' għażla ġenetika għar-reżistenza immunoloġika, speċjalment għal razez indiġeni u f'żoni vulnerabbli, għall-protezzjoni fit-tul;*** jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' finanzjament addizzjonali;
	Or. ro

Emenda 634
Katarína Roth Neveďalová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja ***li*** l-isforzi f'dan il-qasam ***iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta'*** finanzjament addizzjonali;	53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva ***ewlenija***; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja ***l-ħtieġa li jiġu intensifikati*** l-isforzi f'dan il-qasam***, li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-vaċċini għall-bdiewa kollha tal-bhejjem, u li jiġi pprovdut*** finanzjament addizzjonali ***ddedikat biex jiġi garantit is-suċċess ta' dawn il-miżuri***;
	Or. en

Emenda 635
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' finanzjament addizzjonali;	53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' ***miżuri ta' bijosigurtà li huma kkalibrati b'mod xieraq għal-livell tar-riskju u*** finanzjament addizzjonali ***għall-bdiewa tal-bhejjem***;

Or. it

Emenda 636
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati ***permezz ta' finanzjament*** addizzjonali;	53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati ***b'finanzjament*** addizzjonali ***permezz ta' fond iddedikat u rinfurzat li se jkun disponibbli għall-bdiewa affettwati fl-Istati Membri kollha***;

Or. en

Emenda 637
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' finanzjament ***addizzjonali***;	53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva ***fejn possibbli u skont l-ispeċi u l-mard***; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' ***aktar*** finanzjament ***iddedikat***;

Or. fr

Emenda 638
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' finanzjament addizzjonali;	53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva ***u bħala parti minn sett ta' għodod usa'***; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' finanzjament addizzjonali;

Or. en

Emenda 639
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' ***finanzjament addizzjonali***;	53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; jisħaq, madankollu, li t-tilqim innifsu huwa saħansitra aktar effettiv jekk jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' ***fond iddedikat u rinfurzat***;

Or. en

Emenda 640
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; ***jisħaq***, madankollu, li t-tilqim ***innifsu*** huwa saħansitra aktar effettiv ***jekk*** jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' finanzjament addizzjonali;	53. Jappoġġja t-talba lill-Kummissjoni minn grupp ta' Stati Membri biex tadatta l-approċċ tal-UE biex tindirizza l-mard tal-annimali billi tuża t-tilqim bħala miżura preventiva; ***jirrimarka***, madankollu, li t-tilqim huwa saħansitra aktar effettiv ***meta*** jiġi kkomplementat minn miżuri ta' bijosigurtà u sorveljanza; jissottolinja li l-isforzi f'dan il-qasam iridu jiġu intensifikati u appoġġjati permezz ta' finanzjament addizzjonali;

Or. pl

Emenda 641
Jessika Van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	53a. Jissottolinja l-importanza ta' approċċ ikkoordinat għas-saħħa tal-annimali li jinkludi investiment proattiv fir-riċerka, fis-sistemi ta' monitoraġġ, fl-iżvilupp tal-vaċċini, u fl-għażliet ta' trattament kurattiv għall-ġestjoni ta' mard kemm magħruf kif ukoll ta' dak emerġenti; jisħaq fuq il-ħtieġa li dawn il-miżuri jiġu allinjati mal-kunsiderazzjonijiet kummerċjali biex jiġu evitati restrizzjonijiet mhux intenzjonati tas-suq, kif muri mid-dibattitu dwar it-tilqim kontra l-influwenza avjarja;

Or. en

Emenda 642
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	53a. Jissottolinja li l-mard tal-annimali qed jinfirex bi frekwenza u severità dejjem akbar madwar l-UE, u dan joħloq sfidi dejjem akbar għall-bdiewa li jrabbu l-bhejjem; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ u żżid ir-riżerva għall-kriżijiet agrikoli fil-PAK ta' wara l-2027 biex tindirizza aħjar it-telf ekonomiku u l-ispejjeż addizzjonali li jiffaċċjaw il-bdiewa tal-UE u tipprovdilhom stabbiltà akbar;

Or. en

Emenda 643
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	53a. jistieden lill-Kummissjoni tipprojbixxi l-użu ta' antibijotiċi ta' importanza kritika għat-trattamenti metafilattiċi kollha[1a]; jemmen li l-Istati Membri għandhom jiġbru data dwar l-użu tal-antibijotiċi għal kull speċi fl-azjenda agrikola.
	[1a] ANSES, Élaboration d'une liste de couples « bactérie/famille d'antibiotiques » d'intérêt prioritaire dans le contrôle de la diffusion de l'antibiorésistance de l'animal aux humains et propositions de mesures techniques en appui au gestionnaire, Avis de l'Anses, Rapport d'expertise collective, (Tħejjija ta' lista ta' koppji ta' "familja batterika/antibijotika" ta' interess prijoritarju fil-kontroll tat-tixrid tar-reżistenza antimikrobika mill-annimali għall-bnedmin u proposti għal miżuri tekniċi biex jappoġġjaw lill-maniġer, opinjoni tal-ANSES, rapport kollettiv tal-esperti, Ġunju 2023 https://www.anses.fr/fr/system/files/SABA2020SA0066Ra.pdf

Or. en

Emenda 644
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 53b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	53b. Jissottolinja li t-tilqim huwa

għodda effettiva għall-prevenzjoni u għall-kontroll tat-tixrid tal-mard tal-annimali; jirrikonoxxi l-iżvilupp tad-differenzjazzjoni ta' annimali infettati minn annimali mlaqqma, l-hekk imsejħa vaċċini DIVA, liema vaċċini jippermettu d-distinzjoni bejn annimali li ġew infettati b'patoġenu u dawk li tlaqqmu kontrih; jisħaq li l-vaċċini DIVA jirrappreżentaw miżura effiċjenti għall-ġlieda kontra l-mard tal-annimali bħar-rinotrakeite bovina infettiva; jissottolinja li r-Regolament (UE) 2016/429 ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") jirrikonoxxi l-istatus ta' ħelsien mill-mard skont ċerti kundizzjonijiet inkluża r-restrizzjoni fuq it-tilqim; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tqis l-aħħar żvilupp xjentifiku u tirrevedi r-Regolament (UE) 2016/429 bil-għan li tinħoloq kategorija ġdida ta' status tas-saħħa msejħa "mingħajr mard bit-tilqim"; jistieden lill-Kummissjoni trawwem l-investiment fir-riċerka u fl-iżvilupp dwar il-vaċċini DIVA permezz ta' Orizzont Ewropa u taċċellera l-użu tagħhom fost il-bdiewa;

Or. en

Emenda 645
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
54. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-miżuri tas-saħħa tal-annimali fis-settur agrikolu tal-UE, billi tikkoordina r-riċerka, ix-xiri u l-provvista ta' vaċċini veterinarji fil-livell tal-UE permezz ta' mekkaniżmu ta' tħejjija u detezzjoni bikrija, u billi trawwem l-iżvilupp ta' dawn il-vaċċini fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi stabbilita sistema bankarja tad-data ċentralizzata u armonizzata għat-tilqim tal-	54. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-miżuri tas-saħħa tal-annimali fis-settur agrikolu tal-UE, billi tikkoordina r-riċerka, ix-xiri u l-provvista ta' vaċċini veterinarji fil-livell tal-UE permezz ta' mekkaniżmu ta' tħejjija u detezzjoni bikrija, u billi trawwem l-iżvilupp ta' dawn il-vaċċini fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi stabbilita sistema bankarja tad-data ċentralizzata u armonizzata għat-tilqim tal-

annimali fl-Istati Membri kollha; jirrimarka li sistema bħal din ittejjeb it-traċċabbiltà, ittejjeb is-sorveljanza tal-mard, tappoġġja rispons f'waqtu għat-tifqigħat u tikkontribwixxi għall-effikaċja ġenerali tal-politiki tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel; jinnota li bank komprensiv tad-data dwar it-tilqim jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera, jiżgura l-konformità mal-istandards tal-UE u jipprovdi għarfien siewi għall-iżvilupp tal-politika, ir-riċerka u l-ġestjoni sostenibbli tas-saħħa tal-bhejjem;	annimali fl-Istati Membri kollha; jirrimarka li sistema bħal din ittejjeb it-traċċabbiltà, ittejjeb is-sorveljanza tal-mard, tappoġġja rispons f'waqtu għat-tifqigħat u tikkontribwixxi għall-effikaċja ġenerali tal-politiki tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel; jinnota li bank komprensiv tad-data dwar it-tilqim jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera, jiżgura l-konformità mal-istandards tal-UE u jipprovdi għarfien siewi għall-iżvilupp tal-politika, ir-riċerka u l-ġestjoni sostenibbli tas-saħħa tal-bhejjem; ***jitlob żieda fil-finanzjament, inkluż barra mill-PAK, biex jiġi appoġġjat l-investiment fil-bijosigurtà fl-azjendi agrikoli;***

Or. fr

Emenda 646
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
54. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-miżuri tas-saħħa tal-annimali fis-settur agrikolu tal-UE, billi tikkoordina r-riċerka, ix-xiri u l-provvista ta' vaċċini veterinarji fil-livell tal-UE permezz ta' mekkaniżmu ta' tħejjija u detezzjoni bikrija, u billi trawwem l-iżvilupp ta' dawn il-vaċċini fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi stabbilita sistema bankarja tad-data ċentralizzata u armonizzata għat-tilqim tal-annimali fl-Istati Membri kollha; jirrimarka li sistema bħal din ittejjeb it-traċċabbiltà, ittejjeb is-sorveljanza tal-mard, tappoġġja rispons f'waqtu għat-tifqigħat u tikkontribwixxi għall-effikaċja ġenerali tal-politiki tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel; jinnota li bank komprensiv tad-data dwar it-tilqim jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera, jiżgura l-konformità mal-istandards tal-UE	54. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-miżuri tas-saħħa tal-annimali fis-settur agrikolu tal-UE, billi tikkoordina r-riċerka, ix-xiri u l-provvista ***konġunti*** ta' vaċċini veterinarji***, antiġeni ġodda u reaġenti dijagnostiċi*** fil-livell tal-UE permezz ta' mekkaniżmu ta' tħejjija u detezzjoni bikrija, u billi trawwem l-iżvilupp ta' dawn il-vaċċini fl-UE***; jitlob lill-Kummissjoni li jkun hemm finanzjament adegwat għal dan il-mekkaniżmu***; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi stabbilita sistema bankarja tad-data ċentralizzata u armonizzata għat-tilqim tal-annimali fl-Istati Membri kollha; jirrimarka li sistema bħal din ittejjeb it-traċċabbiltà, ittejjeb is-sorveljanza tal-mard, tappoġġja rispons f'waqtu għat-tifqigħat u tikkontribwixxi għall-effikaċja ġenerali tal-politiki tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel; jinnota

u jipprovdi għarfien siewi għall-iżvilupp tal-politika, ir-riċerka u l-ġestjoni sostenibbli tas-saħħa tal-bhejjem;	li bank komprensiv tad-data dwar it-tilqim jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera, jiżgura l-konformità mal-istandards tal-UE u jipprovdi għarfien siewi għall-iżvilupp tal-politika, ir-riċerka u l-ġestjoni sostenibbli tas-saħħa tal-bhejjem;

Or. en

Emenda 647
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
54. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-miżuri tas-saħħa tal-annimali fis-settur agrikolu tal-UE, billi tikkoordina r-riċerka, ix-xiri u l-provvista ta' ***vaċċini*** veterinarji fil-livell tal-UE permezz ta' mekkaniżmu ta' tħejjija u detezzjoni bikrija, u billi trawwem l-iżvilupp ta' dawn ***il-vaċċini*** fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi stabbilita sistema bankarja tad-data ċentralizzata u armonizzata għat-tilqim tal-annimali fl-Istati Membri kollha; jirrimarka li sistema bħal din ittejjeb it-traċċabbiltà, ittejjeb is-sorveljanza tal-mard, tappoġġja rispons f'waqtu għat-tifqigħat u tikkontribwixxi għall-effikaċja ġenerali tal-politiki tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel; jinnota li bank komprensiv tad-data dwar it-tilqim jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera, jiżgura l-konformità mal-istandards tal-UE u jipprovdi għarfien siewi għall-iżvilupp tal-politika, ir-riċerka u l-ġestjoni sostenibbli tas-saħħa tal-bhejjem;	54. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-miżuri tas-saħħa tal-annimali fis-settur agrikolu tal-UE, billi tikkoordina r-riċerka, ix-xiri u l-provvista ta' ***prodotti mediċinali*** veterinarji ***immunoloġiċi*** fil-livell tal-UE permezz ta' mekkaniżmu ta' tħejjija u detezzjoni bikrija, u billi trawwem l-iżvilupp ta' dawn ***il-prodotti*** fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi stabbilita sistema bankarja tad-data ċentralizzata u armonizzata għat-tilqim tal-annimali fl-Istati Membri kollha; jirrimarka li sistema bħal din ittejjeb it-traċċabbiltà, ittejjeb is-sorveljanza tal-mard, tappoġġja rispons f'waqtu għat-tifqigħat u tikkontribwixxi għall-effikaċja ġenerali tal-politiki tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali u s-sikurezza tal-ikel; jinnota li bank komprensiv tad-data dwar it-tilqim jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera, jiżgura l-konformità mal-istandards tal-UE u jipprovdi għarfien siewi għall-iżvilupp tal-politika, ir-riċerka u l-ġestjoni sostenibbli tas-saħħa tal-bhejjem;

Or. pl

Emenda 648
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš

Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 54a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	54a. Iħeġġeġ l-istabbiliment ta' stokkijiet strateġiċi ta' mediċini veterinarji biex jippermettu rispons aktar rapidu f'każ ta' epidemiji ġodda;

Or. fr

Emenda 649
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55a. Jirrimarka li ċerti prattiki tat-trobbija tal-annimali, bħad-densitajiet għoljin, l-għeluq fi spazji żgħar, in-nuqqas ta' kapaċità li jesprimu mġiba normali speċifika għall-ispeċijiet, il-mutilazzjoni, l-aggressjoni, in-nuqqas ta' kura u superviżjoni, huma wħud mill-aktar fatturi importanti fit-tixrid taż-żoonożi, flimkien mal-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi naturali, l-intensifikazzjoni mhux sostenibbli tal-agrikoltura u t-tibdil fil-klima[1a];
	[1a] UNEP u l-Istitut Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Bhejjem (2020). Nevitaw il-Pandemija li Jmiss: Il-mard żoonotiku u kif tkisser il-katina tat-trażmissjoni. Nairobi, Kenja.

Or. en

Emenda 650

Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li titkompla r-riċerka dwar trattamenti, mediċini u tagħmir protettiv personali ġodda, sabiex jiġi pprovdut l-aħjar rispons possibbli għal żoonożi ġodda, filwaqt li jiġi limitat ir-riskju li l-annimali jiżviluppaw reżistenza għall-antimikrobiċi, li tkun ta' ħsara għal saħħithom u għal dik tal-konsumaturi;

Or. fr

Emenda 651
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55b. Jirrikonoxxi l-ħidma essenzjali tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) "End the Cage Age", u jistieden lill-Kummissjoni telimina gradwalment sal-2027 it-trobbija tat-tiġieġ tal-bajd fil-gaġeġ "imfassla għalihom" , tal-ħnieżer nisa fil-ġestazzjoni f'gaġeġ tat-twellid, tal-għoġġiela f'maqjel individwali u tal-fniek f'gaġeġ vojta[1a];
	[1a] https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2018/000004_mt

Or. en

Emenda 652
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55c. Jirrimarka li d-Direttiva 98/58/KE tistabbilixxi standards speċifiċi biss għat-tiġieġ tal-bajd, għat-tiġieġ tas-simna, għall-għoġġiela u għall-esperimenti u l-provi fuq l-annimali u timponi standards vagi u impreċiżi mingħajr kontenut kwantifikat, li jħallu wisq lok għall-interpretazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fil-leġiżlazzjoni futura, baqar tal-ħalib, fniek, speċijiet ta' ħut imrobbija b'mod komuni, dundjani, wiżż, papri u summien;

Or. en

Emenda 653
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55d. Jemmen li l-mutilazzjonijiet kollha pprattikati b'mod regolari minħabba ambjent mhux xieraq (il-qtugħ tad-denb, it-tħin tas-snien, il-kastrazzjoni tal-ħnieżer, it-tneħħija tal-munqar tat-tiġieġ tal-bajd, it-tneħħija tal-qrun tal-bhejjem tal-ifrat) għandhom jiġu pprojbiti; jemmen li l-fatt li tiġi permessa l-espressjoni ta' mġiba naturali speċifika għall-ispeċijiet għandu jkun il-prinċipju gwida wara r-reviżjoni tad-Direttiva 98/58/UE skaduta dwar iil-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja;

Or. en

Emenda 654
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 55e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	55e. Jinnota l-benefiċċji tat-tnaqqis tad-densitajiet tal-bhejjem fl-azjendi agrikoli, inklużi gruppi iżgħar u anqas ta' annimali għal kull ettaru ta' mergħa, bħala prevenzjoni kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR), adattati aħjar għaż-żona tal-mergħa jew tal-għalf disponibbli, u sabiex l-annimali jkollhom spazju biex jesprimu l-imġiba naturali tagħhom;

Or. en

Emenda 655
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
56. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw u jikkollaboraw mar-reġjuni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' prevenzjoni, tilqim u mitigazzjoni b'rabta ma' dan il-mard;	56. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw u jikkollaboraw mar-reġjuni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' prevenzjoni, tilqim u mitigazzjoni b'rabta ma' dan il-mard; ***jirrakkomanda li jitfasslu pjanijiet ta' tilqim u prevenzjoni f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali;***

Or. fr

Emenda 656

Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
56. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw u jikkollaboraw mar-reġjuni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' prevenzjoni, tilqim u mitigazzjoni b'rabta ma' dan il-mard;	56. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw u jikkollaboraw mar-reġjuni ***u b'konsultazzjoni mal-bdiewa*** fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' prevenzjoni, tilqim u mitigazzjoni b'rabta ma' dan il-mard;

Or. en

Emenda 657
Cristina Maestre, Dario Nardella, Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
56. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw u jikkollaboraw mar-reġjuni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' prevenzjoni, tilqim u mitigazzjoni b'rabta ma' dan il-mard;	56. Iħeġġeġ ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jappoġġjaw u jikkollaboraw mar-reġjuni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' prevenzjoni, tilqim u mitigazzjoni b'rabta ma' dan il-mard;

Or. en

Emenda 658
Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Asger Christensen, Elsi Katainen, Valérie Hayer, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
57. ***Jappella għal kollaborazzjoni akbar bejn l-UE, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u s-sħab*** internazzjonali***, u li jiġi żgurat li r-riżorsi jiġu allokati b'mod***	57. ***Jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha b'mod attiv mal-Istati Membri, mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet*** internazzjonali ***bħall-Organizzazzjoni***

effettiv u li l-għarfien jiġi kondiviż biex jittejbu l-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-mard;	***Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) biex tiżgura li l-miżuri ta' prevenzjoni u kontroll b'mod partikolari t-tilqim ma jfixklux il-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti tal-ikel minn annimali mlaqqma bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi***;

Or. en

Emenda 659
Cristina Maestre, Dario Nardella, Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 57a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	57a. Jistieden lill-Kummissjoni tottimizza l-aċċess għall-prodotti tas-saħħa tal-annimali billi taċċellera u tissimplifika l-proċess ta' approvazzjoni għall-vaċċini veterinarji, il-mediċini, u prodotti oħra tas-saħħa tal-annimali skont ir-Regolament (UE) 2019/6 dwar prodotti mediċinali veterinarji;

Or. en

Emenda 660
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
58. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti sistemi komprensivi ta' appoġġ ekonomiku, inklużi skemi ta' kumpens li jkopru l-katina tal-provvista kollha biex jiġi żgurat li l-partijiet affettwati kollha, inklużi l-operaturi downstream, jirċievu assistenza adegwata; jisħaq li, f'każijiet ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali serji li jġorru magħhom telf ekonomiku	58. ***Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament tal-UE impenjat għall-iskemi ta' qerda u kontroll fl-Istati Membri tal-UE;*** jirrakkomanda li jiġu stabbiliti sistemi komprensivi ta' appoġġ ekonomiku, inklużi skemi ta' kumpens li jkopru l-katina tal-provvista kollha biex jiġi żgurat li l-partijiet affettwati kollha, inklużi l-operaturi downstream, jirċievu

sinifikanti, trid tkun disponibbli għajnuna finanzjarja aċċellerata biex titnaqqas l-inċertezza u tinżamm il-kontinwità ekonomika; jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ, jeliminaw l-ostakli amministrattivi bla bżonn u jistabbilixxu skadenzi ċari għall-iżborż tal-għajnuna biex jgħinu lill-bdiewa jippjanaw u jistabbilizzaw aħjar l-operazzjonijiet tagħhom;	assistenza adegwata; jisħaq li, f'każijiet ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali serji li jġorru magħhom telf ekonomiku sinifikanti, trid tkun disponibbli għajnuna finanzjarja aċċellerata biex titnaqqas l-inċertezza u tinżamm il-kontinwità ekonomika; jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ, jeliminaw l-ostakli amministrattivi bla bżonn u jistabbilixxu skadenzi ċari għall-iżborż tal-għajnuna biex jgħinu lill-bdiewa jippjanaw u jistabbilizzaw aħjar l-operazzjonijiet tagħhom;
	Or. en

Emenda 661
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
58. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti sistemi komprensivi ta' appoġġ ekonomiku***, inklużi skemi ta' kumpens li jkopru l-katina tal-provvista kollha biex jiġi żgurat li l-partijiet affettwati kollha, inklużi l-operaturi downstream, jirċievu assistenza adegwata***; jisħaq li, f'każijiet ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali serji li jġorru magħhom telf ekonomiku sinifikanti, trid tkun disponibbli għajnuna finanzjarja aċċellerata biex titnaqqas l-inċertezza u tinżamm il-kontinwità ekonomika; jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ, jeliminaw l-ostakli amministrattivi bla bżonn u jistabbilixxu skadenzi ċari għall-iżborż tal-għajnuna biex jgħinu lill-bdiewa jippjanaw u jistabbilizzaw aħjar l-operazzjonijiet tagħhom;	58. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti sistemi komprensivi ta' appoġġ ekonomiku***; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet ta' tilqim, bl-ispiża tad-doża koperti għall-mard kollu u mhux biss għal dak li jaffettwa l-annimali maħsuba għall-esportazzjoni***; jisħaq li, f'każijiet ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali serji li jġorru magħhom telf ekonomiku sinifikanti, trid tkun disponibbli għajnuna finanzjarja aċċellerata biex titnaqqas l-inċertezza u tinżamm il-kontinwità ekonomika; jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ, jeliminaw l-ostakli amministrattivi bla bżonn u jistabbilixxu skadenzi ċari għall-iżborż tal-għajnuna biex jgħinu lill-bdiewa jippjanaw u jistabbilizzaw aħjar l-operazzjonijiet tagħhom;

Or. en

Emenda 662
Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
58. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti sistemi komprensivi ta' appoġġ ekonomiku, inklużi skemi ta' kumpens li jkopru l-katina tal-provvista kollha biex jiġi żgurat li l-partijiet affettwati kollha, ***inklużi l-operaturi downstream***, jirċievu assistenza adegwata; jisħaq li, f'każijiet ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali serji li jġorru magħhom telf ekonomiku sinifikanti, trid tkun disponibbli għajnuna finanzjarja aċċellerata biex titnaqqas l-inċertezza u tinżamm il-kontinwità ekonomika; jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ, jeliminaw l-ostakli amministrattivi bla bżonn u jistabbilixxu skadenzi ċari għall-iżborż tal-għajnuna biex jgħinu lill-bdiewa jippjanaw u jistabbilizzaw aħjar l-operazzjonijiet tagħhom;	58. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti sistemi komprensivi ta' appoġġ ekonomiku, inklużi skemi ta' kumpens li jkopru l-katina tal-provvista kollha biex jiġi żgurat li l-partijiet affettwati kollha, ***speċjalment il-bdiewa li jrabbu l-annimali***, jirċievu assistenza adegwata; jisħaq li, f'każijiet ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali serji li jġorru magħhom telf ekonomiku sinifikanti, trid tkun disponibbli għajnuna finanzjarja aċċellerata biex titnaqqas l-inċertezza u tinżamm il-kontinwità ekonomika; jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ, jeliminaw l-ostakli amministrattivi bla bżonn u jistabbilixxu skadenzi ċari għall-iżborż tal-għajnuna biex jgħinu lill-bdiewa jippjanaw u jistabbilizzaw aħjar l-operazzjonijiet tagħhom;

Or. it

Emenda 663
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 58a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	58a. Jinnota li meta annimal jittestja pożittiv għal marda trażmissibbli lill-bnedmin, rispons xieraq għandu jkun qatla selettiva, u li l-awtorizzazzjoni tal-

qatla totali tal-merħla għandha tkun biss bħala l-aħħar għażla; jitlob żieda fil-finanzjament għar-riċerka biex jittejjeb il-materjal tal-ittestjar, sabiex jiġu evitati żbalji fl-ittestjar bħar-riżultati pożittivi foloz;

Or. en

Emenda 664
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
59. ***Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni, fil-pakkett tagħha tal-2025 dwar is-simplifikazzjoni u l-kompetittività tal-PAK, li tagħti spinta lill-kapaċità tal-PAK li tipprovdi appoġġ lill-bdiewa affettwati minn diżastri naturali, avvenimenti tat-temp avvers relatati mal-klima jew mard tal-annimali billi tintroduċi żewġ pagamenti addizzjonali għall-kriżijiet li l-Istati Membri jistgħu jimmobilizzaw taħt pagamenti diretti jew fondi għall-iżvilupp rurali;*** jistieden lill-Istati Membri ***jikkomplementaw din l-inizjattiva billi jkomplu*** jiżviluppaw skemi ta' ġestjoni tar-riskju, inklużi skemi ta' assigurazzjoni u fondi mutwi***, adattati għal sitwazzjonijiet ta' kriżi marbuta mal-mard tal-annimali; jitlob li jiġi definit*** strument ta' riassigurazzjoni ***biex ikopri*** r-riskji ***relatati mal-mard*** epiżootiku ġdid u biex ***jiġi żgurat li n-negozji*** agrikoli kollha, inklużi dawk li jinsabu f'żoni ***ta' riskju***, ikunu jistgħu ***jagħmlu*** kuntratti ta' assigurazzjoni biex jipproteġu kontra ***l-mard epiżootiku***;	59. jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw skemi ta' ġestjoni tar-riskju ***adattati għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati mill-mard tal-annimali***, inklużi skemi ***speċifiċi*** ta' assigurazzjoni u fondi mutwi***; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta'*** strument ***ġdid Ewropew*** ta' riassigurazzjoni ***li jagħmel possibbli li jkopri*** r-riskji ***assoċjati ma' mard*** epiżootiku ġdid u biex ***jiżgura li l-azjendi*** agrikoli kollha, inklużi dawk li jinsabu f'żoni ***partikolarment vulnerabbli***, ikunu jistgħu ***jkollhom aċċess għal*** kuntratti ta' assigurazzjoni ***xierqa*** biex jipproteġu kontra ***dak it-theddid għas-saħħa***;

Or. pt

Emenda 665
David Cormand

f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
